

# DAWL FRANĠISKAN

## LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

GĦADD 375 DIĊEMBRU 2017 IS-37 SENA

NEWSPAPER POST IISN 1811-5373

# WERREJ


3 Editorjal
Fr Philip Cutajar OFMCap
Id-Djalogu Etern

5 Bibbja
Mons. Lawrenz Sciberras
Ġerobogħam
(Bniedem li jifred u jaqsam)
(It-tieni parti)

7 Poeżija
Kav. Joe M. Attard
Quddiem ix-xbieha
tal-Immakulata

8 Mill-iskola ta' Padre Pio
Fr Joe Buttigieg OFMCap
Il-Milied fi Pietrelcina fi
Żmien it-Tfulija ta' Padre Pio

10 Reliġjon u Storja
Mons. Dun Salv Grima
Iċ-ċentinarju tar-riforma.
Negħlbu kull tfixkil tal-
passat (L-ewwel parti)

13 Poeżija
Kav. Joe M. Attard
Mort Betlem!

14 Knisja Ħajja, Ħidma u
Aħbarijiet
Fr Silvestru Bonavia
OFMCap
Qaddis u beatu Kapuċċini
ġodda jgħallmuna kif
nisfruttaw id-diżappunti
f'ħajjitna

16 Aħbarijiet tal-Provinċja
Br Miguel Zammit OFMCap
Mid-Djarju tal-Kapuċċini
Maltin

20 Marjoloġija
Kav. Joe M. Attard
Tieqa fuq il-ħajja
taċ-ċkejken Francesco
(Fl-okkażjoni tal-ewwel 100
sena mid-dehriet ta' Fatima)

22 Esperjenza
Claire Busuttil
Fidi u tama kattar fija, u bi
mħabbtek imlieni

25 Il-Belt Valletta ġawhra unika
Joseph C. Camilleri BA,
DEAM, M.Ed. (Pl. & Mgt)
Strada Rjali – l-aqwa triq
tal-Belt, Triq in-Namrati

27 Reliġjon u Kultura
Kav. Joe M. Attard
Mill-ġdid il-festa magħna!

29 Werrej 2017





Kemm huwa ferm meħtieġ li aħna bħala bnedmin inkomplu nħallu jseħħ fina dak id-djalogu li jagħmilna nixbhu lil Alla. Ladarba Alla huwa kontinwament fi djalogu bħala Alla-Trinitarju u bħala Alla li sar bniedem, aħna msejħin sabiex ngħixu s-sejħa tagħna fuq ix-xebh tiegħU billi ngħixu d-djalogu tagħna miegħu u mhux inqas bejnietna l-bnedmin bħala aħwa.

Dan huwa għalina l-messaġġ tal-Milied. Fuq l-eżempju ta' Ġesù li sar bniedem biex jidħol fi djalogu mal-bniedem aħna wkoll nirreċiprokaw billi nidħlu fi djalogu ta' mħabba miegħU u ma' Ħutna l-bnedmin kollha. Dan huwa l-isbaħ rigal li nistgħu nagħtu mhux biss fi żmien il-Milied imma matul ħajjitna kollha. Rigal li meta tagħtih tkun aktar qed tirċievi milli tagħti.


Bord Editorjali

Editur
Fr Philip Cutajar OFMCap

Amministratur
Dorian Holland OFS

Distributuri Malta
Alfred Ebejer

Distributuri Għawdex
Pierre E. Buttigieg OFS

Membri
Joe Debattista GFF
Silvana Galea - F.Act

Direzzjoni u Amministrazzjoni

Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211

Telefown: 2123 3874,
2122 5525,
2123 4949

Imejl:
dawlfrangiskan@gmail.com

IISN 1811-5373

Disinn u Stampar
Best Print Co. Ltd
Telefown: 2168 0789



© Dawl Franġiskan 2017



Pubblikazzjoni Franġiskani
Kapuċċini

Ħlas tal-Abbonament:
€10.00 fis-sena

Kull offerta barra mill-ħlas hi milqugħa bħala għajnuna għall-missjoni u għandha tintbagħat lid-Direttur:

Ċentru u Missjoni Kapuċċini,
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211

Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-*DAWL FRANĠISKAN* għandhom jiġu indirizzati lill-editur.
Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-*DAWL FRANĠISKAN* dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.



Editorjal
FR PHILIP CUTAJAR OFMCAP

# ID-DJALOGU ETERN

MELITENSIA MAIN LIBRARY

### X'nifhmu bi djalogu

Nitkellmu ħafna dwar id-djalogu. Djalogu mibni fuq l-interess f'xulxin u fuq ir-rispett tagħna lejn xulxin; djalogu li jgħinna bil-għan li flimkien noħorġu minna nfusna, mill-egoiżmi u l-pretensjonijiet tagħna, bil-għan li nsolvu kull kunflitt meta naslu biex nisimgħu u nifhmu lil xulxin; djalogu li jimbuttana sabiex minkejja d-differenzi ta' bejnietna ma niqfux flimkien infittxu l-verità li tgħaqqadna. Djalogu fejn iż-żewġ naħat huma ndaqs, ħadd m'għandu raġun u ħadd m'għandu tort, ħadd m'għandu l-monopolju tal-verità assoluta, imma t-tnejn infittxu aktar dak li jgħaqqadna milli dak li jifridna, bil-għan li flimkien infittxu dak li hu veru u sabiħ.

### Realtà eterna

Id-djalogu huwa etern, fis-sens li Alla, li hu infinit u etern, huwa Alla fi djalogu kontinwu. Alla-Missier, Iben u Spirtu s-Santu, fejn dawn it-tliet persuni sa minn dejjem kienu u jibqgħu fi djalogu ta' mħabba perfetta u infinita bejniethom, tant li għalkemm huma tliet persuni, imma huma Alla wieħed. Frott id-djalogu bejniethom huma wieħed, Alla wieħed.

### Is-sejħa tal-bniedem għad-djalogu

Dan id-djalogu infinit, etern u perfett bejn t-tliet persuni tat-Trinità Qaddisa, fiż-żmien ippjanat minn Alla wasal biex sploda fi djalogu, meta Alla ħareġ minnu nnifsu u ħoloq il-bniedem fuq ix-xebh u l-immaġni tiegħu. Il-bniedem maħluq minn Alla sabiex jinħoloq djalogu bejn Alla u l-bniedem, bejn il-bniedem u Alla, djalogu li ma jintemm qatt, anzi jsib il-milja tiegħu fl-eternità, meta l-bniedem, wara l-ħajja tiegħu fuq din l-art, mal-mewt jgħaddi għall-beatifikazzjoni, fejn jgħix f'għaqda sħiħa ma' Alla.

### Il-Milied, festa ta' djalogu

Niċċelebraw il-festa tal-Milied ifisser li nkunu qed niċċelebraw il-festa tad-djalogu bejn Alla u l-umanità. Alla ma waqafx jikkomunika mal-bniedem, u dan Alla wettqu permezz tad-DABAR: il-Kelma u permezz tar-RUAH: l-Ispirtu. Dan id-djalogu, li seħħ speċjalment permezz tal-ġrajjiet tal-istorja, permezz tal-Patrijarki u l-Profeti, fil-milja taż-żmien il-Kelma ta' Alla saret Bniedem fil-persuna ta' Ġesù Kristu, bil-għan li Alla b'mod mill-aktar oriġinali u profond jidħol mill-ġdid fi djalogu mal-bniedem f'mixja ta' rivelazzjoni u salvazzjoni.

Dan Alla jistenna tweġiba pożittiva mingħand kull bniedem billi jilqa' lil Ġesù fil-ħajja tiegħu. Hu ġie bħal dawl fid-dlamijiet tad-dinja biex ikun Hu d-dawl tagħna. Issa jeħtieġ li nkunu aħna wlied id-dawl billi nilqgħu lil dak li Hu d-*"dawl tad-dinja"*. Din trid tkun it-tweġiba tagħna fi djalogu ma' Alla, li issa qed iseħħ fil-persuna ta' Kristu Ġesù.

### Djalogu bejnietna l-bnedmin

Kemm huwa ferm meħtieġ li aħna bħala bnedmin inkomplu nħallu jseħħ fina dan id-djalogu li jagħmilna nixbhu lil Alla! Ladarba Alla huwa kontinwament fi djalogu bħala Alla-Trinitarju u bħala Alla li sar bniedem, aħna msejħin sabiex ngħixu s-sejħa tagħna fuq ix-xebh tiegħu billi ngħixu d-djalogu tagħna miegħu u mhux inqas bejnietna l-bnedmin bħala aħwa.

Ngħixu d-djalogu tagħna ma' Alla billi niskopru r-rieda tiegħu u nwettquha, inħalluh ikompli jkellimna bis-smigħ tal-Kelma tiegħu u aħna nkellmuh permezz tat-talb. Infittxu li d-djalogu tagħna ma' Alla jkun mibni fuq djalogu-mħabba billi nħobbuh fuq kollox u qabel kollox, u għalhekk nadurawh u naqduh.

Ngħixu d-djalogu tagħna ma' Alla billi nħobbu wkoll lil xulxin. Aħna lkoll minnu ġejna maħluqa. Hu l-uniku Missier tagħna lkoll, u għalhekk

aħna aħwa. L-għaxqa ta' Alla hija meta jarana ninħabbu bejnietna. Kull djalogu huwa frott l-imħabba u r-rispett tagħna lejn xulxin.

## L-akbar rigal

Għalhekk l-akbar rigal li aħna msejħin biex nagħtu f'dan il-Milied, kemm lil Alla li sar tarbija għalina kif ukoll lil xulxin, huwa:

- li nġeddu d-deċiżjoni tagħna bħala Nsara li f'ħajjitna lil Alla npoġġuh l-ewwel u qabel kollox, billi nħobbuh b'qalbna kollha, b'moħħna kollu, bil-ġisem tagħna kollu u bir-rieda kollha tagħna;




- li nħallu li din l-imħabba tagħna lejn Alla tidher, billi nidħlu fi djalogu kontinwu miegħu billi bħal Marija, ma' Marija u bl-għajnuna ta' Marija ma niqfux ngħidulu: "Hawn jien... ikun minni skont kelmtek";



- li nħobbu aktar lil xulxin, hekk kif hu jħobb lilna u hekk kif irridu li l-oħrajn iħobbu lilna;
- li nħobbu lil xulxin billi qatt ma nxekklu kull tip ta' djalogu bejnietna, djalogu li jagħtina l-kapaċità li noħorġu minna nfusna u nisimgħu lill-oħrajn bir-rispett u bid-dinjità li jixirqulhom bħala bnedmin bħalna;
- li noħolqu djalogu mibni fuq l-imħabba u r-rispett ma' kull bniedem, hu x'inhu t-twemmin tiegħu, ir-razza tiegħu, il-kulur tal-ġilda, l-orjentazzjoni sesswali tiegħu, il-ġeneru li Alla żejnu bih, il-kulur politiku u l-ideoloġija li jħaddan.

Kemm huwa meħtieġ li bħala Maltin u Għawdxin matul dan l-Avvent, matul in-novena u l-festa tal-Milied, nagħmlu b'sinċerità eżami tal-kuxjenza. Niskopru aktar id-djalogu ta' Alla magħna, napprezzawh, nisimgħuh u nweġbuh billi ngħidulu "iva" għall-Kelma tiegħu. Ngħarblu aktar lilna nfusna u naraw fejn aħna fid-djalogu ta' mħabba u rispett li għandu jkollna lejn kull bniedem. Inħallu li d-djalogu tagħna ma' Alla u bejnietna jkun l-isbaħ u l-akbar rigal min-naħa tagħna, kemm lil Alla kif ukoll lil xulxin, mhux biss f'dan iż-żmien tal-Milied imma dejjem u kullimkien!



**L-Aħwa Franġiskani Kapuċċini flimkien mal-Bord Editorjali tar-rivista *Dawl Franġiskan* jixtiequ jwasslu lil dawk ta' rieda tajba l-isbaħ awguri ta' paċi u ġid għal Milied Nisrani u sena ġdida.**



Bibbja

MONS. LAWRENZ SCIBERRAS

# ĠEROBOGĦAM
## (Bniedem li jifred u jaqsam)
## (It-tieni parti)

Meta wieħed jitkellem dwar is-slaten li mexxew il-poplu magħżul ta' Alla, f'moħħu jiġu mhux biss is-slaten tas-saltna ta' isfel, mela l-Ġudea bil-belt kapitali Ġerusalemm, imma wkoll is-slaten li tajjeb jew ħażin mexxew is-saltna ta' fuq, mela Iżrael bil-belt kapitali Samarija. Sewwa li nkomplu niċċaraw li ż-żewġ pajjiżi b'kastig marru fl-eżilju: dawk tas-saltna ta' isfel marru fl-eżilju tal-Babilonja. Kienet is-sena 586 qabel Kristu. Dawk tas-saltna ta' fuq ukoll marru fl-eżilju, anzi qabel. Il-post fejn spiċċaw dawn in-nies kien l-Assirja. Kienet is-sena 732 qabel Kristu. F'din ħarġa tad-*Dawl Franġiskan* sejrin f'dan il-kuntest inkomplu nagħtu tagħrif dwar is-Sultan Ġerobogħam. Dan ikompli ma' dak li diġà għedna qabel.

### Il-qasma tas-saltna

Issa ġara li s-Sultan Salamun miet u minfloku sar sultan ibnu, li kien jismu Reħobogħam. Kien hemm grupp ta' nies li ftit jew wisq kienu jżommu ċerta ħbiberija ma' Ġerobogħam, u għalhekk bagħtu jsejħulu biex jirritorna mill Eġittu. Dan hekk għamel, u għalhekk dan Ġerobogħam reġa' sab postu mill-ġdid fl art ta' Iżrael. U hawn issa bdiet titkebbes l-ewwel xrara ta' nar li 'l quddiem ikkawżat firda u tiċrita tassew kbira u fonda bejn it-tribujiet ta' Iżrael.

Delegazzjoni ta' nies magħżula flimkien ma' Ġerobogħam marru u ppreżentaw irwieħhom quddiem is-Sultan il-ġdid Reħobogħam, li issa kien f'Sikem (1 Slat. 12, 1). Dawn talbuh bil-ħniena biex itaffilhom xi ftit mit-taxxi tqal li missieru Salamun kien għabbiehom bihom. Iżda Reħobogħam xejn ma kien bil-għaqal, għaliex aktar sema' mill-parir taż-żgħażagħ, li kienu dejjem moħħ ir-riħ, milli mill-parir għaqli li tawh ukoll ix-xjuħ tal-poplu. Għalhekk it-tweġiba li Reħobogħam ta lid-delegazzjoni ta' Ġerobogħam kienet din: "Sebgħi ż-żgħir eħxen minn ġenbejn missieri. Missieri taqqlilkom il-madmad, u jien se nżid fuqu. Missieri sawwatkom bil-frosti, imma jiena nsawwatkom bl-iskorpjuni" (1 Slat. 12, 11).

Dan il-kliem ta' Reħobogħam kien biżżejjed biex qajjem u xegħel rabja kbira tassew fost il-poplu. Kollox kien juri li l-firda hija fit-tarf. Fil-fatt hekk ġara, għaliex in-nies f'dik is-saħna qabdu lil Ġerobogħam u ddikjarawh sultan ġdid ta' Iżrael. U kienu għaxar tribujiet li marru warajh, filwaqt li wara Reħobogħam mar biss it-tribù ta' Ġuda u kien hemm dak ta' Levi. Dan anqas art ma kellu speċifikament għalih! X'ħasra tassew! Hekk il-profezija simbolika ta' Aħija twettqet tassew, u bil konsegwenzi kbar li ġeżwret magħha!

### Il-qima tal-għoġol

Ġerobogħam kien sultan ġdid, mela kien jeħtieġ ukoll belt ġdida għalih minn fejn it-tronijiet tal-ħaqq ikunu jistgħu jmexxu l-pajjiż. U hekk kien: Iżrael sar il-pajjiż ta' Ġerobogħam, li ddikjara lil

Samarija bħala l-belt kapitali. Id-data tal-qasma bejniethom kienet is-sena 932 qabel Kristu.

Issa waħda mill-problemi li nqalgħu lil Ġerobogħam kienet dwar il-qima lil Alla wieħed ħaj u veru. Fil-bidu n-nies xorta waħda kienu għadhom jitilgħu Ġerusalemm fit-tempju biex hemm jaduraw, jirringrazzjaw u joffru l-għexur tagħhom lil Alla wieħed. Għalhekk Ġerobogħam iddeċieda li jwaqqaf dan kollu. Imma kif? Billi hu wkoll jibni maqdes fejn in-nies setgħu faċilment imorru jaduraw lil Alla. It-territorju tal-art, billi dawn kienu għaxar tribujiet, kien wieħed kbir tassew. Kien impossibbli għan-nies li jmorru f'maqdes wieħed. Għalhekk Ġerobogħam minflok tempju wieħed bena żewġ tempji, wieħed f'Dan, mela fil-parti ta' fuq nett tat-territorju tiegħu, u l-ieħor f'Betel (1 Slat. 12, 29). Dawn l-Imqades Ġerobogħam bniehom fuq muntanji.

Biss, qamet problema oħra aktar taħraq u kbira. In-nies ta' Ġerusalemm fit-tempju kellhom l-arka tal-patt, l-arka li kienet tirrappreżenta 'l Alla fosthom u magħhom. Lejha kienu juru rispett u qima tassew ġenwini. Allura issa Ġerobogħam x'kien se jagħmel? U ekku hu ħolom li jagħmel żewġ għoġġiela tad-deheb fuq pedestall għoli. Ġerobogħam ukoll waqqaf festa biex tkun bħal dik li ssir f'Ġuda (1 Slat. 12, 32).

Issa dan kollu wassal il-poplu, li tant kien iħobb it-Torah, f'idolatrija l-aktar qawwija. Ġerobogħam ħajjar lill-poplu biex jibda jagħti l-qima tiegħu lil dawn l-annimali, xi ħaġa assolutament barra minn postha u li tmur bis-sħiħ kontra t-twemmin Lhudi. Kien ukoll l-istess Sultan Ġerobogħam li bena plieri u ħaraq l-inċens lil alla Asera u allat foloz oħra! Ukoll, in-numru ta' profeti naqas bil-kbir, u għalhekk il-Kelma ta' Alla ma baqgħetx tasal f'qalb in-nies. B'konsegwenza ta' dan in-nuqqas ta' tagħlim, il-poplu tilef il-fidi f'Alla u dineb bil-kbir.

### Kastig aħrax tassew

Iżda quddiem din il ħsara morali li kkawża Ġerobogħam deher ukoll il-ħlas ta' Alla, liema kastig kien wieħed qalil tassew: l-eżilju tal-Assirja! Dan għaliex Ġerobogħam kellu jwieġeb kemm għad-dnubiet tiegħu kif ukoll għal dawk tal-poplu, li s-Sultan kien il-kawża tal-ħtijiet tagħhom. Alla huwa ħanin tassew u jissaporti ħafna, u "nagħder sal-elf nisel" (Eż. 20, 6). Iżda huwa wkoll ġust. Mela kull min b'għajnejh miftuħa jikser il-Liġi ta' Alla, dan irid iwieġeb għal għemilu.

Aktar milli nikteb jien, ikun aħjar li nikkwota x'tgħid l-Iskrittura dwar il-kastig li ġie kemm fuq Ġerobogħam innifsu kif ukoll fuq il-pajjiż kollu, inklużi n-nies: "Għalhekk arani issa se nġib il-ħsara fuq dar Ġerobogħam, u neqred l-irġiel ta' Ġerobogħam, ilsiera u ħielsa f'Iżrael, u niknes dar Ġerobogħam, bħalma wieħed jiknes iż-żibel, sa ma ntemmu" (1 Slat. 14, 10). Kliem ċar imma wkoll iebes u ta' biża' kbir.

Il-kastig effett tad-dnub tal-idolatrija seħħ snin wara, meta l-poplu ġie maqbud u mkaxkar b'mod l-aktar brutali lejn l-eżilju tal-Assirja, minn fejn imbagħad qatt aktar ma rritorna lura lejn daru! Dawn iżżewġu mal-barranin u hekk saru razza xejn aktar Lhudija. Min ma qagħadx għal dan rabtuh minn għonqu jew minn saqajh, jekk mhux ukoll taqqbulu mnifsejh, daħħlulu l-ħoloq u rabtuh minn hemm. Il-Profeta Għamos jagħmel referenza għal dan: "Arahom ġejjin jiem fuqkom u jeħdukom bis-snanar, u bil-foxxni l-aħħar fostkom. U toħorġu mit-tiċrit tas-swar, waħda wara l-oħra" (Għam. 4, 2-3). Dan kollu kien frott l-idolatrija li Ġerobogħam wassal lill-poplu fiha.

Dan l-ewwel sultan tas-saltna ta' fuq dam isaltan għal tnejn u għoxrin sena. Floku laħaq ibnu Nadab. (1 Slat. 14, 20)





Poeżija
KAV. JOE M. ATTARD

# QUDDIEM IX-XBIEHA TAL-IMMAKULATA

Għeżież ħbieb, xejn ittendejtu
li dil-festa reġgħet magħna,
u kif jersaq qrib Diċembru
kull qalb dlonk tħossha ferħana?

Għax mill-ewwel tiġi żżurna
l-għażiża Immakulata
illi tnisslet mingħajr ħtija –
o, kemm kienet ixxurtjata!

Dan kien kollu fil-pjan t'Alla
għall-Omm t'ibnu u tal-bnedmin,
li mill-ħtija din tkun ħielsa –
dik li wildet lill-Bambin.

Din hi domma li Dun Scotus
iddefenda sod, bis-sħiħ,
għalkemm kontra tagħha qamu
maż-żmien irwiefen u rjieħ!

U s-Sinjura wkoll dehret
isserraħ fuq ilsien blata.
B'wiċċha minn quddiem qaltilna:
"Jiena jien l-Immakulata!"

Għandna mela għax nifirħu
b'dil-patruna Franġiskana
li l irħieb bil pompa jfakkru
fiċ-ċentru tal-belt minn tagħna.

Magħhom jingħaqdu l-Bormliżi
u mhux inqas il-Qalin –
baned, nar, musketterija,
fil-knisja noti ħelwin.

Billi x-xitwa tkun qed toqrob
niesna xxidd ilbies ħoxnin:
ġersijiet, xlapi u ġgieget,
ma' dawn xi kowt bil-*fur* fin!

L-importanti illi aħna
lil din l-Omm immorru nżuru,
quddiemha lkoll ninxteħtu
u mħabbitna lilha nuru!

Nitolbuha sabiex tidħol
għal dawk li huma mtaqqlin
b'xi salib tqil, iebes, aħrax,
taħtu mgħattna u għarqanin!

Għin ukoll, ja Omm ħanina,
lit-tfal, żgħażagħ, kbar u xjuħ;
imliehom bil-kuraġġ, bl-hena,
u għinhom jerġgħu jieħdu r-ruħ!

La tħallix il-festa tgħaddi
bla ma nżidu nħobbuk.
Taħt mantarek fis kenninna –
saltan fuqna rriduk!



### Mill-iskola ta' Padre Pio

FR JOE BUTTIGIEG OFMCAP

# IL-MILIED FI PIETRELCINA FI ŻMIEN IT-TFULIJA TA' PADRE PIO

Minn fejn Padre Pio kiseb daqstant imħabba lejn Ġesù Bambin?

It-tweġiba hija waħda sempliċi: mir-reliġjożità tar-raħal tiegħu u mill-fidi mgħejxa fil-familja tiegħu.

Diġà matul il-jiem tan-novena tal-Milied, fi Pietrelcina, wieħed kien diġà jista' jieħu ftit nifs partikulari.

Francesco, flimkien ma' xi wħud mill-ħbieb tiegħu, kien minn kmieni jaħseb biex jagħmel il-presepju, bil-pasturi tat-tafal li kien jagħġen b'idejh stess, u jfittex il-bebbux biex bil-qoxra tagħhom jagħmel imsiebaħ żgħar jixegħlu biż-żejt ħalli jdawlu lill-presepju tiegħu.



Filgħodu, biex ukoll dawk li kienu jaħdmu fil-kampanja setgħu jieħdu sehem, il-quddiesa kienet tiġi ċċelebrata kmieni sa fil-5am, u l-qniepen kienu jdoqqu mota kultant, u b'hekk kienu jagħmluha ta' żveljarin u jqajmu lil dawk kollha li kienu jgħammru fi Piana Romana u



fid-distretti iktar 'il bogħod. Imma ħafna min-nies kienet diġà tistenbaħ qabel id-daqq tal-qniepen u tħalli friexha mill-kumdità tas-sodda, magħmula minn twavel fuq l-istrippi u saqqu tal-ħaxixa, u bħar-ragħajja ta' Betlem, imgeżwra fil-mantelli u fix-xalpi, bit-torċi mixgħula kienu jibdew jersqu lejn il-knisja tal-Kastell.

Fiż-żmien kollu tal-Milied, imbagħad, kienu jinstemgħu l-għanjiet tal-Milied, mid-daqqaqa taż-żaqq li kienu jduru mat-toroq tar-raħal, naturalment imdawrin b'ċorma tfal.

Fiż-żmien il-Milied lanqas il-mejtin ma kienu jibqgħu barra, infatti d-daqqaqa taż-żaqq kienu jmorru ċ-ċimiterju u joqogħdu jduru mal-oqbra u jdoqqu għanjiet tal-Milied. Fis-sewwa kollu,

il-mejtin mhumiex f'qagħda li jgawdu l-mużika fuq l-art għaliex huma jgawdu mużika oħra, dik tas-Sema; madanakollu d-dmugħ kien jimla l-għajnejn għax b'dan in-nies riedu juru li l-mewt ma waqfitx u lanqas waqfet ir-rabta ta' mħabba tagħhom ma' dawk li telqu qabel.



Forsi dawn il-ħwejjeġ iġibu tbissima fuq in-nies tal-lum, imma rridu nammettu li dawn il-ħwejjeġ kienu poeżija li ħasra m'għadhiex teżisti.

Il-lejl tal-Milied, fid-dar tal-familja Forgione, kien dejjem skont it-tradizzjoni. Il-familja kienet tinġabar u tintasab quddiem in-nar għas-sħana, u bħallikieku kien xi rit, il-missier, bħala r-ras, kien jixħet fin-nar zokk ġmielu, u flimkien mal-familja kien jgħid it-talb tal-barka, imbagħad iż-żgħir fost l-ulied kien iqiegħed il-Bambin fil-maxtura tal-presepju.

Wara ċ-ċena, li kienet tkun waħda mhux tas-soltu, kienu joqogħdu jilagħbu xi ftit tat-tombla, u anke din id-darba bid-dmugħ fl-għajnejn mhux tant tal-emozzjoni daqskemm minħabba d-duħħan li kien joħroġ għalihom min-nar. It-tfal kienu joqogħdu jqaxxru l-qastan mikwi, jieklu ċiċri inkaljati u ħlewwiet li kienet tħejji l-omm b'ħafna mħabba.

It-tfal kienu l-għaxqa tagħhom jaraw lil ommhom tagħmel l-għaġina b'idejha biex biha tħejji ħafna xorta ta' ikel. L-ulied iktar milli ħlewwiet iridu 'jieklu' l-imħabba tal-ġenituri!

Meta, imbagħad, Francesco Forgione sar Padre Pio minn Pietrelcina, dan il-wirt ta' żmien il-Milied kompla kabbru tul iż-żmien kollu li għex fil-kunvent Kapuċċin ta' San Giovanni Rotondo fuq il-Gargano.

Padre Pio kien jagħti minn dak li rċieva mill-ġenituri tiegħu, imma mhux biżżejjed li ż-żerriegħa tkun tajba, imma huwa meħtieġ li l-ambjent kollu – familja, parroċċa, skola, soċjetà – jaħdmu ħalli t-tfal jikbru b'sentimenti Nsara u reliġjużi u b'valuri ċivili.

# TISLIMA LIS-SUR KARMENU BONAVIA SDC



Mulej, inroddulek ħajr għal kulma għamilt ma' **KARMENU BONAVIA** minn Ħaż-Żabbar, li sejjaħtlu għal għandek fil-ħajja ta' dejjem fl-4 ta' Novembru wara ħajja ta' 88 sena dedikata kollha għalik fis-Soċjetà tal-MUSEUM u fir-riċerka storika dwar il-vera qima lejn il-Madonna tal-Grazzja, il-ħajja ta' San Ġorġ Preca, u diversi aspetti dwar l-istorja tal-ilsien Malti. Berikt l-istudji tiegħu b'bosta pubblikazzjonijiet u kotba u fuq kollox b'tagħrif ġdid, l-aktar dwar il-pittur tat-titular tal-Madonna, Alessio Erardi, kif ukoll dwar ħidmet Mikiel Anton Vassalli. Huwa kien interessat fl-istorja tal-filatelija, fosthom il-bolol reliġjużi maħruġa mill-Posta ta' Malta, il-vjaġġi mad-dinja kollha tal-Papa Ġwanni Pawlu II, u l-Milied fil-bolol tad-dinja.

***Nitolbuk, Mulej, agħtih il-mistrieħ ta' dejjem miegħek u agħti kull għajnuna tiegħek lil ħuh u Ħuna Patri Silvestru Bonavia ofmcap, li kull xahar jikteb fir-rivista tagħna.***



Reliġjon u Storja

MONS. DUN SALV GRIMA

# IĊ-ĊENTINARJU TAR-RIFORMA NEGĦLBU KULL TFIXKIL TAL-PASSAT

## (L-ewwel parti)

Meta fl-aħħar ta' Ottubru 2016 kellu żjara appostolika partikolari fl-Iżvezja b'rabta maċ-ċelebrazzjonijiet tal-500 sena mir-Riforma Luterana, li qed tiġi mfakkra dis-sena, il-Papa Franġisku mhux biss issieħeb ma' dawk preżenti fit-talb iżda wera pass ieħor importanti fil-mixja tal-fraternità lejn għaqda sħiħa, u stieden biex inkomplu nitolbu għal dan il-għan.

Kien fis-17 ta' Novembru 1980 meta l-Papa San Ġwanni Pawlu II indirizza l-Kunsill tal-Knejjes Evanġeliċi Luterani tal-Ġermanja f'Mainz, u insista fuq l-urġenza għal stqarrija komuni ta' fidi waħda u dwar il-ħtieġa tal-konverżjoni minn kull naħa sabiex issir l-għaqda mixtieqa.

Fil-31 ta' Ottubru 1983, fl-okkażjoni tal-500 sena mit-twelid ta' Luteru (1483-1546), kien l-istess Papa li bagħat ittra lill-Kardinal Willebrands, il-President tas-Segretarjat għall-Għaqda tal-Insara, fejn esprima li "hemm bżonn sforz doppju xi jsir rigward Luteru, u dejjem għall-għaqda mill-ġdid. Hu meħtieġ li jkun magħruf dak li ġara sewwa fl-istorja, billi ssir investigazzjoni bla preġudizzji, imma kollox ikun immexxi biex tkun magħrufa l-verità. Dan biex tingħata dehra vera dwar Luteru u taż-żmien kollu li ilha sejra r-Riforma, kif ukoll tal-persuni involuti fiha. Fejn sar xi żball għandu jiġi magħruf. Fejn il-kontroversja dallmet jew fixklet xi ideat, dawn għandhom ikunu kkoreġuti minn naħa u minn oħra.

"Barra minn hekk," kompla l-Papa, "għandna nevitaw li nkunu mmexxija minn xi intenzjoni li nidhru li aħna minn fuq jew bħala xi mħallfin tal-istorja, iżda li nkunu mqanqlin biss minn motiv li nifhmu aħjar x'ġara, biex insiru messaġġiera tal-verità."

### Ħarsa lejn l-istorja u ż-żmien riċenti

Fuq diversi mezzi tal-midja lokali diġà ssemmew xi ġrajjiet li wasslu biex 500 sena ilu Martinu Luteru ta bidu għar-Riforma billi waħħal 95 teżi mal-bieb tal-knisja ta' Wittenberg fil-Ġermanja. Fl-1501 kien mar jistudja fl-Università ta' Erfurt, fejn ukoll wera interess fl-istudju tal-Iskrittura u fejn għadda tliet snin f'monasteru Agostinjan. Ġie ordnat fl-1507 u beda l-ħidma tiegħu bħala professur fl-Università ta' Wittenberg. Waqt żjara f'Ruma fl-1510-11 iddiżappunta ruħu bi mġiba mhux f'postha, l-iktar fil-bejgħ tal-indulġenzi mill-patri Dumnikan Johann Tetzel u oħrajn, biex jinġabru fondi għall-bini mill-ġdid tal-knisja ta' San Pietru fil-Vatikan fi żmien il-pontifikat ta' Ġulju II (1503-1513) u Ljun X (1513-1521).

Sadattant fil-katidral Luteran ta' Lund, fl-Iżvezja, f'Ottubru li għadda ġiet iffirmata dikjarazzjoni konġunta mill-Papa Franġisku u mill-Isqof Munib Younan, President tal-Federazzjoni Dinjija Luterana. Fost affarijiet oħra ġie mfakkar li f'medda ta' 50 sena ta' djalogu ekumeniku, li kien sostenibbli u li ħalla l-frott, dan għen ħafna biex ġew megħluba

ħafna differenzi u ġew imsaħħa l-għarfien u l-fiduċja f'xulxin. "Sibna li dak li jgħaqqadna hu ikbar minn dak li jifridna."

Il-ftehim ikompli jgħid li "waqt li nħossuna rikonoxxenti minn qalbna għall-għotjiet spiritwali u teoloġiċi li rċivejna permezz tar-Riforma, nistqarru wkoll waqt li nesprimu n-niket quddiem Kristu li l-Luterani u l-Kattoliċi weġġgħu l-għaqda viżibbli tal-Knisja.

"Waqt li nwarrbu dawk il-ġrajjiet li tefgħu piż fuqna, nagħtu kelma li nkunu xhieda flimkien tal-grazzja kollha ħniena ta' Alla li dehret fostna fi Kristu, li ssallab u rxoxta... Teżisti x-xewqa li l-komunitajiet jirċievu l-Ewkaristija f'mejda waħda bħala espressjoni konkreta ta' għaqda sħiħa." Dakinhar sar appell ħerqan għat-talb mill-komunitajiet Kattoliċi u Luterani biex jissoktaw il-kuraġġ u l-ħidma, fil-ferħ u fit-tama, f'impenn qawwi, ħalli titkompla l-mixja twila li tinsab quddiemna. Fil-prattika jfisser li "dan ir-rigal ta' Alla jiggwidana għal koperazzjoni u solidarjetà isħaħ, noqorbu iktar fil-fidi lejn Kristu, fit-talb flimkien, nisimgħu lil xulxin, u ngħixu l-imħabba ta' Kristu bejnietna."

Ma naqasx li jingħad ukoll li "differenzi teoloġiċi sfaw akkumpanjati minn preġudizzji u kunflitti, u r-reliġjon saret ukoll strument għal finijiet politiċi."

## Mill-indulġenzi għal twemmin ieħor

Kif inhu magħruf, il-battalja prinċipali tqanqlet minħabba l-kwistjoni tal-indulġenzi, li dwarhom kien hemm diġà attakki kontra l-Knisja minn Wycliff u Hus. Il-Papa Ljun X kkundanna s-sitt stqarrijiet li kien għamel Luteru f'dar-rigward, fosthom li l-indulġenzi mhumiex frott il-merti ta' Kristu, m'għandhomx il-qawwa tal-maħfra tal-piena għad-dnubiet, huma meħtieġa biss għal uffiżi pubbliċi jew li ma japplikawx għall-mejtin jew il-moribondi. It-twemmin tagħna jgħallimna li "l-indulġenza hi l-maħfra quddiem Alla tal-piena taż-żmien... maħfra li n-Nisrani b'dispożizzjoni tajba jikseb... permezz tal-ħidma tal-Knisja li, bħala dispensatriċi tal-fidwa, tqassam u tapplika bl-awtorità tagħha t-teżor tal-merti ta' Kristu u tal-qaddisin" (KKK 1471). "Bl-indulġenzi l-fidili jistgħu jiksbu għalihom stess u għall-erwieħ tal-purgatorju wkoll il-maħfra tal-piena taż-żmien mistħoqqa għad-dnubiet." (KKK 1499)

Ir-Riforma żammet il-qdusija taż-żwieġ fl-ordni tal-ħolqien iżda ċaħdet li jagħmel parti mill-ordni tal-grazzja fis-sens propju tas-sagrament Nisrani. Bħala konsegwenza ġiet rifjutata l-funzjoni ġuridika tal-Knisja f'materji matrimonjali. Fost affarijiet oħra Luteru aċċetta d-divorzju f'każijiet ta' adulterju u raġunijiet oħra. Hawn il-KKK jgħallem li din ir-rabta taż-żwieġ għall-imgħammdin ġiet mgħollija minn Kristu l-Mulej għad-dinjità ta' sagrament (ara 1601) u li "fil-Knisja Latina ġeneralment huma ż-żewġ għarajjes li bħala ministri tal-grazzja ta' Kristu jagħtu lil xulxin is-sagrament taż-żwieġ huma u juru quddiem il-Knisja l-kunsens tagħhom" (1623). Huwa Kristu l-għajn tal-grazzja tas-sagrament taż-żwieġ "li trid twassal għall-perfezzjoni l-imħabba tal-miżżewġin u ssaħħaħ l-għaqda ta' bejniethom, li qatt ma tista' tinħall." (1641)

## Ħidma li bdiet tħalli xi frott

It-tagħlim ta' Luteru dwar il-grazzja u l-fidi kien mibni fuq il-konvinzjoni li d-dnub oriġinali tant għamel ħsara lin-natura umana li, mgħarraq fil-ħtija, il-bniedem iċappas bil-ħtija, daqslikieku qed jidneb, kull azzjoni li jagħmel. Infatti huwa għallem li d-dnub oriġinali jikkonsisti fil-konkupixxenza li xorta tibqa' fil-bniedem wara l-magħmudija. Għalhekk persuna mgħammda tibqa' midinba iżda mhux ħatja tal-konkupixxenza minħabba l-ġustifikazzjoni fi Kristu, li tiġi mgħobbija b'responsabiltà lill-bniedem midneb.



Skont Luteru s-salvazzjoni sseħħ fl-att sħiħ tal-fidi fi Kristu, liema fidi tista' tagħti lill-bniedem dik il-garanzija li dnubietu huma maħfura. Wieħed hu ġġustifikat quddiem Alla; madankollu fih innifsu jibqa' midneb minħabba l-konkupixxenza. Il-ġustifikazzjoni tikkonsisti fil-fatt li Alla fil-ħniena tiegħu ma jibqax jgħabbi lill-bniedem bid-dnub. Dan ifisser li l-bniedem

f'daqqa waħda huwa ġust frott il-ġustizzja fi Kristu u fl-istess ħin huwa midneb minħabba l-ħtija li ma tista' tinqered b'xejn. Skont Luteru wkoll l-opri tajba li wieħed jista' jwettaq bħala ġesti esterni tal-ġustifikazzjoni m'għandhom l-ebda effett fuq it-tkattir tal-grazzja.

Dwar il-ħtija u l-maħfra tal-ewwel dnub fit-tagħlim Kattoliku nistqarru li "l-bnedmin kollha huma mdaħħla fid-dnub ta' Adam. Jgħid San Pawl: 'Bid-diżubbidjenza ta' bniedem wieħed il-ħafna (jiġifieri l-bnedmin kollha) saru midinbin' (Rum. 5, 19)," bħalma wkoll "kif bil-ħtija ta' wieħed waħdu waslet il-kundanna fuq il-bnedmin kollha, hekk ukoll bl-opra tal-ġustizzja ta' wieħed waslet lill-bnedmin kollha l-ġustifikazzjoni tal-ħajja (Rum. 5, 18)"



(KKK 402). Imbagħad dwar il-konkupixxenza t-teoloġija Nisranija tatha tifsir partikolari: "Il-ġibda tal-ġisem li tmur kontra l-ħidma tar-raġuni tal-bniedem... hi frott tad-diżubbidjenza tal-ewwel dnub. Tħarbat il-fakultajiet morali tal-bniedem, u għalkemm fiha nfisha mhix dnub, tħajjar il-bniedem għad-dnub." (KKK 2515)

## Il-waqgħa u l-frott tal-fidwa

Dwar l-effetti tad-dnub oriġinali fil-KKK nsibu li "l-ewwel Protestanti għallmu li l-bniedem tħassar għalkollox u l-libertà tiegħu nqerdet bid-dnub tan-nisel; huma qiesu li huma l-istess ħaġa d-dnub li jiret kull bniedem u l-ġibda lejn il-ħażen (il-konkupixxenza) li qatt ma tista' tingħeleb" (406). Iżid jgħallimna li "l-magħmudija, hija u tagħtina l-ħajja tal-grazzja fi Kristu, tneħħi d-dnub tan-nisel u treġġa' lura l-bniedem lejn Alla" (405). Dwar il-grazzja mbagħad għandna li "hija tisħib fil-ħajja ta'



Alla, iddaħħalna fil-qofol tal-ħajja ta' mħabba kbira mat-Trinità Qaddisa" (1997); "il-grazzja santifikanti hi don abitwali, jiġifieri dispożizzjoni jew qagħda sopranaturali li qiegħda dejjem hemm fina biex tagħmel dejjem iktar perfetta r-ruħ, ħalli tkun tista' tgħix ma' Alla u tagħmel kollox għal imħabbtu" (2000). Dwar il-ġustifikazzjoni jgħallimna li din "tiġi mill-grazzja ta' Alla" (1996); "ġiet immeritata għalina bil-passjoni ta' Kristu li offra lilu nnifsu fuq is-salib" (1992); "tbiegħed il-bniedem mid-dnub, li huwa kontra l-imħabba ta' Alla, u ssaffilu qalbu" (1990); "hi fl-istess ħin l-ilqigħ tal-ġustizzja ta' Alla permezz tal-fidi f'Ġesù Kristu" (1991). Dwar l-għemejjel tajba għandna li "t-tħejjija tal-bniedem biex jilqa' l-grazzja hi ġa opra tal-grazzja. Din hi meħtieġa biex tqanqal u tgħin is-sehem tagħna fil-ġustifikazzjoni permezz tal-fidi u fil-qdusija permezz tal-imħabba" (2001).

F'dawn l-aħħar snin diversi punti f'dar-rigward ġew trattati fid-dikjarazzjoni konġunta dwar id-duttrina fuq il-ġustifikazzjoni bejn il-Federazzjoni Dinjija Luterana u l-Knisja Kattolika tal-31 ta' Ottubru 1999. Ġie miftiehem li bil-grazzja ta' Alla jinħafru d-dnubiet u l-bniedem jinħeles mill-jasar tad-dnub u jgawdi mill-ħajja l-ġdida fi Kristu. Bil-qawwa tal-fidi fi Kristu, Alla jeħles lill bniedem mill ħtija, waqt li bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu titnissel fih imħabba attiva. Il-maħfra tad-dnubiet flimkien mal-preżenza salvifika ta' Alla nnifsu. Fidi li tiġġustifika permezz tal-grazzja ta' Alla, li tħaddan it-tama f'Alla u l-imħabba lejh. Hija fidi ħajja bl-imħabba, u għalhekk in-Nisrani ma jistax u m'għandux jibqa' mingħajr opri. La l-opri ta' qabel m'għandhom xi dritt għall-ġustifikazzjoni fil-fidi li hija rigal liberu u gratuwitu u lanqas l-opri li jiġu wara.



Poeżija
KAV. JOE M. ATTARD

# MORT BETLEM!

Iktar kmieni din is-sena
Jien lll Betlem mort Inżur;
bħal tarbija jien bdejt nibki,
qalbi bil-ferħ riedet tfur.

Meta mteddejt biex nitlob
fejn twieled Ġesù Bambin
u ġibt jien quddiem għajnejja
x'kien sew ġara dak il-ħin,

Meta l-Feddej tad-dinja
f'nofs ta' lejl fetaħ għajnejh
lil Marija u lil Ġużeppi
mill-ewwel dlonk lemaħ ħdejh!

Kien għar fqajjar fil-kampanja,
imsaħħan min-nifs tal-ħmara,
u magħha baqra mdaqqsa –
ma kienx hemm wisq iktar x'tara.

F'ħin minnhom is-sema mtela
b'għadd ta' anġli ferriħija
li bil-kant u l-għana tagħhom
lil-lejl xegħlu bl-aqwa dija.

U l-aħbar dawn bdew ixerrdu
illi twieled il-Bambin,
u r-ragħajja għassa mal-merħla
lejn il-għar fis bdew mexjin.

Għaddew, tgerbu, elfejn sena
mindu seħħ dan it-twelid,
iżda lilna għadu jsaħħar;
xejn ma jisboq dan il-ġid!

Din il-ġrajja hekk tal-għaġeb
għadha mnaqqxa ġewwa l-qlub;
għalkemm snin jiġru u jitgerbu
mhux lakemm minn nofsna ddub!

Alla ried lil ibnu jibgħat
f'din id-dinja tal-bnedmin
biex jifdina u jsalvana
u jarana lkoll henjin!

Issa jmiss il-parti tagħna,
li nwieġbu għas-sejħa tiegħu,
nobduh b'għajnejna magħluqa
biex nibqgħu fil-merħla miegħu!

Fid-djar tagħkom tinsewx tibnu
l-presepju bin-nagħġiet,
mitħna ddur, ragħajja, il-mistagħġeb,
'l hemm u 'l hawn xi żewġ blatiet.

Titilfux, ħbieb, in-novena,
purċissjoni bil-bambin,
u l-prietka minn tat-tifel
magħżul minn fost iċ-ċkejknin.

B'hekk ikollkom Milied veru,
bħal dak li r-ragħajja ħassew
meta daħlu f'dak l-għar fqajjar
wara li 'l-anġli obdew!

O Ġesù, ħelwa tarbija,
ejja twieled ġewwa fija,
imla 'l qalbi u lil dari
bl-aqwa u l-isbaħ armonija!







FR SILVESTRU BONAVIA OFMCAP

# QADDIS U BEATU KAPUĊĊINI ĠODDA

## JGĦALLMUNA KIF NISFRUTTAW ID-DIŻAPPUNTI F'ĦAJJITNA

L-Ordni Franġiskan Kapuċċin għandu qaddis ġdid: Sant'Anġlu minn Acri (mir-reġjun tal-Calabria), żewġ beati ġodda, Arsenju minn Trigolo (mill-provinċja tal-Lombardia) u Franġisku Solanus (1870-1957), li hu l-ewwel beatu Kapuċċin mill-Istati Uniti. Barra dawn għandu tliet venerabbli ġodda, li nittamaw ma jdumux ma jiġu dikjarati beati: P. Serafino Kaszuba (1910-1977) mill-Ukrajna tal-lum, li dak iż-żmien kienet parti mill-Polonja, Sr Maria Lorenza Longo (1463-1539), Spanjola li niżlet Napli, fejn waqqfet il-Klarissi Kapuċċini, u Franġiska tal-Ispirtu s-Santu (1820-1882), fundatriċi tas-Sorijiet Terzjarji Franġiskani ta' Montpellier, aggregati mal-Ordni tagħna. Illum se nitkellmu biss fuq S. Anġlu u l-Beatu Arsenju. Darb'oħra nikteb aktar fuq l-oħrajn.



*L-arazz fil-faċċata tal-Bażilka ta' San Pietru waqt il-kanonizzazzjoni*

**Sant'Anġlu minn Acri (1669-1739)**, dikjarat qaddis fil-15 t'Ottubru, twieled, trabba u għex f'familja fqira. Bit-tħeġġiġ ta' zijuh qassis daħal mal-Kapuċċini u pprova għal darba darbtejn in-novizzjat, imma kellu jħalli. Baqa' jitlob u jara xi jrid minnu l-Mulej sakemm reġa' pprova t-tielet darba. Huwa kompla l-istudji tiegħu u fl-1700 ġie ordnat saċerdot. Mill-ewwel ħass is-sejħa biex jingħata għall-predikazzjoni. Imma hawnhekk ukoll kellu diżappunt kbir, meta fl-ewwel tliet prietki nesa kollox. Umiljat mar quddiem il-Kurċifiss u hemm skopra aħjar x'ried minnu l-Mulej. Ma ħalliex lilu nnifsu jkun mirbuħ imma rebaħ hu bl-għajnuna t'Alla.

X'kien ġralu? Fiż-żmien li fih għex S. Anġlu t'Acri, jiġifieri nofs is-seklu 18, il-predikaturi kienu jwasslu x-xandir tagħhom bl-ilsien tat-Toscana (għax l-Italja kienet għadha maqsuma f'diversi reġjuni, ilkoll bil-lingwa jew id-djalett tagħhom). Din għal Sant'Anġlu ma kinitx ħaġa ħafifa. Ipprova kemm seta'; kien kiteb l-ewwel prietki tiegħu bit-Toskan u studjahom kemm seta', bl-amment. Imma meta tela' fuq il-pulptu tfixkel, nesa kollox u kellu jinżel mistħi, b'diżappunt għan-nies li marru jisimgħuh!

Mar, 'avvelit' kif kien, quddiem il-Kurċifiss, kompla jitlob kemm u kif seta' u ddeċieda li jkompli s-sejħa tiegħu billi jxandar bid-djalett tal-Calabria... u hekk riedu tassew il-Mulej. Kien iħossu ħieles, ispirat, mimli ħeġġa, u kliemu kien iqanqal il-folol li kienu jmorru jisimgħuh. U hekk dam mal-40 sena sħaħ. Imma ħidmitu wara x-xandir tal-Kelma kien ikompliha fil-konfessjonarju, fejn bi mħabba, żelu u kariżma speċjali kien iwassal lil tant midinbin għall-maħfra t'Alla u l-bidla ta' ħajjithom. Il-ġid kbir li wettaq f'nofs l-Italja, fin-naħiet tan-Nofsinhar, żgur li l Mulej waħdu jafu, u min kien xhud tiegħu. Mhux ta' b'xejn wara mewtu, fl-età ta' 70 sena, il-poplu kollu kien iqisu bħala 'qaddis' u benefattur kbir tiegħu, u lejh kien jirrikorri għal kull xorta ta' għajnuna, għalkemm l-aħħar miraklu, li wassal biex ikun dikjarat qaddis mill-Knisja, seħħ proprju fl-2010.

Waqt li Sant'Anġlu minn Acri ġie dikjarat qaddis fil-Vatikan, **il-Beatu Arsenju minn Trigolo** ġie dikjarat beatu fid-Duomo ta' Milan. Trigolo hija lokalità żgħira madwar 50 km n-naħa t'isfel ta'

Milan. Il-Beatu Arsenju twieled fl-1849 u trabba f'familja msawra bi prinċipji Nsara, minn fejn ħass is-sejħa li jaqdi lil Alla bħala saċerdot. Wara 10 snin fis-seminarju, fl-1874 ġie ordnat qassis. Fl-ewwel sentejn huwa wettaq ħidma saċerdotali waqt li kien dejjem xewqan għal ħajja iktar impenjattiva ta' konsagrazzjoni sħiħa lil Alla. Għalhekk fl-1876 talab biex jidħol fil-Kumpanija ta' Ġesù, fejn wara l-ewwel snin ta' formazzjoni reliġjuża wettaq ħidmiet bħala predikatur u konfessur. Imma kellu jgħaddi mill-ġdid minn bosta provi u tfixkil u għajdut kontra tiegħu. Wara sbatax-il sena ta' ħidma diversa ma' komunitajiet ta' sorijiet kellu jerġa' lura




***Salvatore Palumbo, li fl-2010 ta' 19-il sena kellu inċident bil-karozza li wasslu għal koma kbira imma fieq għalkollox bit-talb ta' S. Anġlu minn Acri, wara li qegħdulu ċ-ċinglu tal-qaddis***

bħala qassis fl-arċidjoċesi ta' Turin, u kompla kif seta' b'ħidmitu... dejjem jipprova jfittex aktar li jwettaq ir-rieda t'Alla, li għalih kienet tiġi qabel kollox. Kien jieħu ħsieb komunità ta' sorijiet li wara saru 'l-Kongregazzjoni ta' Marija Konsolatriċi'. Provi u diżappunti ma naqsuhx, imma xewqtu li jwettaq ir-rieda t'Alla kienet aktar ħerqana minn kollox.

Hekk fl-1902, bil-permessi kollha tas-superjuri u l-isqof tiegħu, meta kellu 53 sena, talab li jidħol mal-Aħwa Kapuċċini. Wara li kompla n-novizzjat ġie mogħti diversi ħidmiet, fosthom fil-formazzjoni spiritwali tal-istudenti Kapuċċini fil-kunvent ta' Bergamo, ingħata għall-ministeru tal-qrar u l-predikazzjoni tal-eżerċizzi u kien jieħu ħsieb il-Franġiskani Sekulari. Imma l-mard ukoll beda jfixklu. L-aħħar xhur għaddiehom fl-infermerija tal-kunvent, fejn miet fl-10 ta' Diċembru 1909. Għalkemm il-funeral tiegħu kellu forma sempliċi ħafna, imma kif




***Waqt ir-rit tal-beatifikazzjoni fid-Duomo ta' Milan***

itenni l-Ministru Ġeneral fl-ittra li kiteb għall-okkażjoni tal-beatifikazzjoni, "l-għadd ta' nies li ħadu sehem kien xhieda tal-ġid li huwa żera' b'ħidmitu. It-talb tiegħu ta' kuljum, iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa, il-karità konkreta li huwa wettaq ma' tant nies fil-ħtieġa, ġabu fih dik il-bidla sħiħa li ssir f'min iqiegħed il-fiduċja kollha tiegħu f'Alla u fil-Kelma ħajja tiegħu. Huwa kien jostor kollox fis-skiet, dejjem 'il bogħod minn għajnejn in-nies, qatt ma jxandar xejn minn tiegħu, la l-ħażin li rċieva u lanqas it-tajjeb li għamel, u bi spirtu ta' maħfra kbira kien iħalli kollox f'idejn il-Mulej."

Kemm Sant'Anġlu minn Acri kif ukoll il-Beatu Arsenju bl-għajnuna t'Alla għarfu jgħixu bid-diżappunti kbar li għaddew minnhom; imma, għax kienu f'kuntatt kontinwu mal-Mulej b'ħajjithom, dawn servewhom biex ikomplu jwettqu ħidmithom sal-aħħar u llum huma mudelli għalina. U aħna lkoll, li niltaqgħu ma' tfixkil jixbah lil tagħhom, forsi tagħna jidhrilna li jkun akbar ukoll. Inħarsu lejhom u ma naqtgħux qalbna, inħarsu 'l quddiem u waqt li nkomplu mixjin inwettqu dejjem ir-rieda t'Alla għalina, imsaħħin bid-dawl ta' min jista' jmexxina aħjar lejn it-twettiq sħiħ tar-rieda t'Alla.



***Il-Beatu Arsenju minn Trigolo***



Aħbarijiet tal-Provinċja

BR MIGUEL ZAMMIT OFMCAP

# MID-DJARJU TAL-KAPUĊĊINI MALTIN

## Festa ta' San Franġisk 2017

Bħal kull sena rġajna ċċelebrajna l-festa ta' Missierna San Franġisk. Bħala provinċja kellna żewġ mumenti li fihom iltqajna flimkien u ċċelebrajna din il-festa. It-Tlieta 3 ta' Ottubru 2017 kellna mument fratern fil-kunvent tal-Kalkara, fejn tlabna u kilna flimkien. Din kienet ukoll l-ewwel laqgħa mal-Ministru Provinċjal il-ġdid, Fr Effie Mallia. Fil-messaġġ tiegħu tal-okkażjoni waqt it-Talba ta' Nofs il-Jum huwa stedinna biex inkabbru fina s-sens ta' fraternità. Fraternità li tkun ħierġa tassew mill-qalb u li tkun ġenwina. Il-Provinċjal enfasizza wkoll li aħna bħala reliġjużi rridu nkunu nies ta' talb. Għalhekk huwa stedinna biex inkomplu nissaħħu fit-talb tal-fraternità u anke fit-talb personali. Wara dan il-mument ta' talb kellna flimkien ikla fraterna li permezz tagħha stajna nkomplu naqsmu l-ferħ ta' din il-festa bejnietna.





L-għada l-Erbgħa, 4 ta' Ottubru 2017, iċċelebrajna flimkien il-festa liturġika ta' San Franġisk permezz ta' quddiesa konċelebrata mmexxija mill-Ministru Provinċjal Fr Effie Mallia. Wara l-quddiesa l-Aħwa kollha ċċelebraw it-Tranżitu ta' San Franġisk u anke ġeddew il-voti reliġjużi tagħhom.

## Laqgħat tal-ordni dwar ir-refuġjati

Bejn it-18 u t-22 ta' Ottubru 2017 il-Kummissjoni Ġustizzja, Paċi u Ħarsien tal-Ambjent (JPIC) fi ħdan l-Ordni organizzat seminar dwar "International Dialogue and Peaceful Coexistence in Multicultural Societies", bit-tema speċifika ta' "Franciscans Among People of Other Faiths". Għal dan is-seminar kien mistieden Fr Philip Cutajar, bħala l-persuna responsabbli mill-Uffiċċju Missjunajru tal-provinċja kif ukoll minħabba l-ħidma li qed issir mal-immigranti f'Malta.

Għal dan is-seminar, li sar f'Bejrut, il-Libanu, minbarra li kienu mistiedna 40 Kapuċċin minn 20 pajjiż differenti, ipparteċipaw ukoll numru ta' Musulmani li taw il-kontribut tagħhom favur id-djalogu tal-Insara mal-Iżlam. Kull mistieden ta r-rapport tiegħu dwar il-ħidma li qed issir fil-provinċja rispettiva. Fr Philip ta rapport dwar il-ħidma pastorali u soċjali li fil-preżent aħna qed inwettqu mal-immigranti, speċjalment mal-komunità Eritreana f'Malta.



Il-laqgħa ntemmet billi ġie fformulat ftehim mibni fuq deċiżjonijiet (*mutual agreement*) favur id-djalogu mal-



Iżlam. Dan il-ftehim se jiġi mibgħut lill-Ordni kollu flimkien mal-awtoritajiet konċernati f'dan il-qasam, kemm fil-Knisja Kattolika kif ukoll dawk Musulmani.

### Jum il-Missjoni

Is-Sibt, 30 ta' Settembru 2017, fl-ewwel jum tat-tridu tal-festa ta' San Franġisk, ġie ċċelebrat ukoll Jum il-Missjoni Kapuċċina. Dan l-avveniment issa sar drawwa ta' kull sena li fiha jiġu mistiedna l-benefatturi u l-voluntiera kollha tal-Uffiċċju Missjunarju tagħna. Din iċ-ċelebrazzjoni saret permezz ta' quddiesa fil-knisja tagħna tal-Furjana, immexxija minn Mons. Paul Darmanin OFMCap flimkien ma' Mons. Emanuel Barbara OFMCap. Preżenti għal din il-quddiesa kien hemm ukoll il-missjunarju Ħuna George Bezzina, li nzerta kien Malta għal jiem ta' mistrieħ. Waqt l-omelija tal-okkażjoni s-Segretarju tal-Missjoni Ħuna Philip Cutajar spjega kif anke San Franġisk innifsu kien bniedem missjunarju u kellu għal qalbu l-ħidma missjunarja. Wara din il-quddiesa u anke



l-messaġġ li għaddew l isqfijiet u l missjunarji preżenti, in-nies miġbura ġew mistiedna jgħaddu fuq is-sur tal-kunvent biex flimkien ikomplu jaqsmu dan il-ferħ missjunarju u anke jiltaqgħu mal-missjunarji preżenti u anke ma' dawk l-Aħwa li kienu l-missjoni fil-passat.

### Laqgħat tal-Ordni għall-Isqfijiet Kapuċċini

"Bħala Kapuċċini qegħdin għas-servizz tal-Knisja." Dan huwa l-messaġġ tal-Ministru Ġenerali Ħuna Mauro Jôhri lill-Aħwa isqfijiet Kapuċċini miġbura għal-laqgħa ta' tlett ijiem ġewwa Assisi, laqgħa li ssir kull sitt snin. B'kollox fl-Ordni hemm 95 isqof minn madwar id-dinja kollha, iżda kienu 65 li attendew għal dawn il-laqgħat.

Mill-provinċja Maltija attendew Ħutna Mons. Paul Darmanin u Mons. Joseph Alessandro. Kull isqof kellu ċ-ċans li jintroduċi lilu nnifsu u d-djoċesi tiegħu bis-sabiħ u d-diffikultajiet tagħha. Kien hemm ukoll interventi ta' interess ġenerali fuq il-ħajja reliġjuża u l-uffiċċju tal-isqof. Ta' interess kbir kien id diskors ta' Fr Paolo Martinelli, li huwa l-vigarju episkopali għall-ħajja reliġjuża, istituti sekulari u forom ġodda ta' ħajja konsagrata fid-djoċesi ta' Milan. Kien hemm atmosfera verament sabiħa ta' ferħ u fraternità. Individwi li jafu lil xulxin f'laqgħat oħra meta kienu jservu fl-Ordni f'karigi differenti jew minn meta kienu jistudjaw flimkien fil-kulleġġ, filwaqt li oħrajn huma ġodda u ġejjin minn postijiet tal-missjoni. Dawn qegħdin dejjem jiżdiedu u huma l-frott tal-ħidma missjunarja. Huma jafu l-vokazzjoni



tagħhom għall-impenn ta' tant missjunarji li ħadmu fosthom u waqqfu l-Ordni Kapuċċin f'pajjiżhom. Fi kliem il-Ġeneral, "aħna ġejna biex inkunu flimkien bħal aħwa, biex niltaqgħu u naqsmu l-esperjenzi tagħna, ningħaqdu fl-ispirtu ta' Missierna San Franġisk u niċċelebraw u nġeddu s-sens li nippartjenu flimkien bħala aħwa."

## Br Mark Scicluna f'Kummissjoni tal-Postnovizzi tal-Ordni

Bejn it-30 ta' Settembru u t-3 ta' Ottubru 2017 Br Mark Scicluna kien ġewwa Ruma, fejn fuq talba tal-Ġeneral tal-Ordni attenda għal-laqgħat f'kummissjoni li ġiet imwaqqfa biex tibda t-tħejjijiet għall-konvokazzjoni tal-postnovizzi Kapuċċini li ser issir ġewwa Ruma bejn it-8 u t-12 ta' Lulju 2018. Din il-kummissjoni kienet preseduta mill-Kunsillier Ġenerali Taljan Ħuna Raffaele Della Torre u magħmula minn 15-il postnovizz mill-Ewropa, li kienu ġejjin mill-Italja, Sqallija, Spanja, il-Katalunja, il-Kroazja, is-Slovakkja, l-Ungerija u Malta. Waqt il-laqgħat ġie diskuss l-ewwel tfassil tal-programm għall-konvokazzjoni ta' Lulju, fejn fost l-oħrajn hemm maħsubin laqgħa u diskussjoni mal-Ġeneral Ħuna Mauro Jôhri, laqgħa minn Ħuna Pio Murat fuq il-Proġett Ewropa, laqgħa dwar ir-*Ratio Formationis* (dokument tal-Ordni li qiegħed jitħejja fuq il-formazzjoni tal-bidu), laqgħa ta' testimonjanza, ġurnata ġewwa Assisi u esperjenza ta' evanġelizzazzjoni ġewwa Ruma. Għal din il-konvokazzjoni huma mistiedna li jattendu madwar 200 postnovizz mill-Ewropa kollha, u t-temi prinċipali ser ikunu l-fraternità, l-appartenenza u l-identità.

## Il-Komunità Eritreana fi Żjara f'Għawdex u mistiedna fl-Imġarr, Malta

Nhar il-Ħadd 15 ta' Ottubru l-komunità Eritreana f'Malta għamlet ġurnata ta' żjara fil-gżira ta' Għawdex. Din saret mhux biss bħala mistrieħ imma l-ewwel u qabel kollox bil-għan li dawn l-immigranti li jinsabu f'pajjiżna jsiru jafuna iżjed. Taw bidu għall-ġurnata biċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa fil-knisja – is-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja, għand il-Kapuċċini, fir-Rabat. Wara komplew jagħmlu żjarat f'diversi postijiet, fosthom is-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna ta' Pinu, Wied il-Mielaħ u d-Dwejra.

Nhar il-Ħadd, 29 ta' Ottubru 2017 il-komunità Eritreana f'Malta ġiet għal darb'oħra mistiedna minn parroċċa bil-għan li tanima l-quddiesa tal-Ħadd u anke twassal messaġġ ta' solidarjetà min-naħa tal-poplu tagħna. Wara li din il-komunità ġiet mistiedna diversi drabi minn



diversi parroċċi, kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex, din id-darba kellha stedina mill-parroċċa ta' Santa Marija fl-Imġarr. Il-Kappillan Mons. Dun Kalċidon Vassallo flimkien mal-Viċi Kappillan Dun Ġorġ Schembri għamlu l-istedina tagħhom f'isem il-parroċċa.



Il-quddiesa ġiet immexxija minn Fr Philip Cutajar OFMCap bħala l-kappillan responsabbli mill-komunità Eritreana f'Malta u flimkien miegħu kkonċelebra Mons. Kalċidon. Matul il-quddiesa Fr Philip għamel l-omelija mibnija fuq l-Evanġelju ta' San Mattew (22, 34-40 – it-30 Ħadd Matul is-Sena A). Huwa saħaq fuq il-verità proklamata fil-Kelma ta' Alla, "li ma tistax tgħid li tħobb lil Alla jekk ma tasalx biex tħobb tassew lill-proxxmu tiegħek, u l-proxxmu għalina Maltin u Għawdxin huma l-immigranti li qed jaslu f'pajjiżna." Wara l-omelija Fr Philip għamel intervista lil wieħed mill-membri tal-komunità



Eritreana, fejn fost l-oħrajn staqsieh: "X'kien il-motiv tiegħek li tlaqt minn pajjiżek? Minn xiex għaddejt sakemm wasalt Malta? X'inhuma l-impressjonijiet tiegħek dwar Malta?" u fl-aħħar nett Fr Philip talbu sabiex dan jagħti messaġġ lill-miġemgħa miġbura għall-quddiesa tal-Ħadd.

Wara li ntemmet il-quddiesa, fuq inizjattiva ta' Dun Ġorġ Schembri l-komunità Eritreana ġiet mistiedna għall-ikla ta' nofsinhar f'wieħed mill-aħjar restoranti fl-Imġarr. Grazzi, Kappillan Mons. Dun Kalċidon Vassallo, grazzi, Dun Ġorġ Schembri, u grazzi lill-komunità parrokkjali tal-Imġarr.



## Festa ta' San Piju tal-Pjagi

Nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Settembru 2017 il-gruppi ta' talb ta' San Piju ltaqgħu biex jiċċelebraw il-festa tal-qaddis Kapuċċin San Piju ta' Pietrelcina fil-knisja tat-Trinità Qaddisa. Iċ-ċelebrazzjoni bdiet bir-reċita tar-rużarju quddiem Ġesù Sagramentat u wara saret il-konċelebrazzjoni, immexxija mill-Provinċjal tagħna P. Effie Mallia flimkien ma' diversi saċerdoti diretturi tal-gruppi. Għal din l-okkażjoni attendew numru kbir ta' membri minn dawn il-gruppi ta' talb minn madwar Malta kollha.

L-omelija tal-quddiesa saret minn P. Diegu Theuma, Kapuċċin. Fl-omelija wera biċ-ċar il-virtujiet li kien imżejjen bihom dan il-qaddis tal-pjagi, jiġifieri l-virtù tal-ubbidjenza, tal-umiltà u l-manswetudini. Fakkar ukoll kemm kien iħobb il-bniedem midneb kif ukoll il-morda, tant li ħalla warajh opra tassew kbira: l-isptar f'San Giovanni Rotondo, b'risq dawk li jkollhom bżonn kura speċjali.





Marjoloġija

KAV. JOE M. ATTARD

# TIEQA FUQ IL-ĦAJJA TAĊ-ĊKEJKEN FRANCESCO (FL-OKKAŻJONI TAL-EWWEL 100 SENA MID-DEHRIET TA' FATIMA)

Illum wasalt biex nikteb xi ħaġa dwar iċ-ċkejken Francesco, fl-okkażjoni tal-ewwel mitt sena mid-dehriet ta' Fatima, wara li iktar kmieni kkummentajt dwar il-bidu tar-rużarju, li bla dubju jmur ħafna iktar lura qabel din il-ġrajja ċentinarja, u dwar iċ-ċkejkna Giacinta.

Tassew qasira kienet il-ħajja ta' dan it-tfajjel (ismu propju huwa Francisco Marto) li miet sentejn biss wara dawn id-dehriet ta' Fatima f'Cova da Iria. Mar id-dinja l-oħra sena qabel il-mewt ta' oħtu Giacinta fl-età tenera ta' għaxar snin. Dan kien tfajjel li l-ispiritwalità tiegħu refgħetu ħafna 'l fuq mix-xejxi ta' din id-dinja u daħħlitu f'saltna oħra, li ftit għadhom daquha sa issa! Għaliex il-Madonna lil dan it-tfajjel b'xi mod illuminatu dwar is-sens tal-eternità, u li wara kollox hija din li tħoll u torbot wara din il-ħajja. Għallmitu kif mhux jikkritika lill-midinbin imma jitlob għalihom.

Bħal oħtu Giacinta, Francesco kien konxju sew tas-sagrifiċċju, imma waqt li oħtu kienet tagħmel is-sagrifiċċju biex il-midinbin ma jintilfux, huwa xtaq li jikkonsla b'għemilu lill-Missier Etern.

Huwa kien b'xi mod qed iħoss kemm Alla l-Missier kien qed jiġi offiż dakinhar, u anke llum: kemm Ġesù kien imweġġa' u xi tbatija kienet qed iġġarrab l-Omm tagħna Marija b'dawn il-feriti ta' binha.

Għalkemm, għall-kuntrarju tat-tnejn l-oħra sħabu, dan il-viżjonarju ċkejken qatt ma sema' lill-Madonna jew lill-anġlu jitkellem, għalkemm rahom b'għajnejh, it-tifel kien jaf xi ntqal u ra dak id-dawl qawwi li ħareġ mill-qalb imqaddsa ta' Marija fuq dawk l-inħawi. Dak id-dawl għadda minn fuq is-Sinjura tas-Sema u Lucia għal fuq l-art u laqat lilu u lil oħtu, li fi żmien qasir kienu ser jittajru lejn is sema. Bħal oħtu ma kienx jibża' mill-mewt; kien jgħix fis-silenzju b'ħarstu 'l quddiem; xi ħaġa li tista' tgħallimna f'din il-ħajja tant mgħaġġla u konfuża, fejn il-bniedem f'tellieqa għas-setgħa u l-unuri u l-ġid. Dan kien tfajjel ta' veru!

'Francesco kien ta' fommu sieket, jitkellem mill-inqas,' ħallitilna miktub Lucia fid-djarji tagħha tas-snin tletin u erbgħin. 'Kien jagħmel dak li jarana nagħmlu u qatt ma ssuġġerixxa xejn. Tul il-marda tiegħu bata u sofra fis-skiet u bil-paċenzja mingħajr qatt ma fetaħ fommu. Jum minnhom, qabel ma miet, kont staqsejtu: "Qed tbati xejn, Francesco?" "Iva," wieġeb, "imma qed noffri kollox għall-imħabba t'Alla u tas-Sinjura!" X'kuraġġ, x'determinazzjoni, xi stamina f'tifel daqshekk żgħir imma mgħaddas fil-qdusija!'

It-tfajjel qatt ma wera xi ġibda lejn iż-żfin, speċjalment fid-dawl tal-viżjoni li kien ra tal-infern, xi ħaġa li t-tlett itfal raw b'għajnejhom u tant impressjonathom. Jekk qatt xi tfal riedu xi ħaġa li kienet tiegħu, kien mill-ewwel jirrinunzja għaliha u ma jimpurtah minn xejn. Anke fil-logħob qatt ma ħabbel moħħu jekk tilef jew rebaħ. Kien jippreferi jara tfal oħra rebbieħa jekk riedu hekk.

Dan iċ-ċkejken, xempju tal-qdusija, kien jinteressah biss li jitkellem man-natura fuq il-quċċata tal-għoljiet waqt li jdoqq daqsxejn ta' flawt. "Inħobb 'l Alla," kienu l-kelmiet t'għanja li ta' spiss kien iħobb ikanta. "Iva, inħobbu hawnhekk f'din id-dinja, inħobb il-fjuri tal-għelieqi, inħobb in-nagħaġ fuq il-muntanji." Kien iweġġa' meta jara lil xi tifel bħalu jisraq il-frieħ minn xi bejta tal-għasafar, u dlonk kien jiġri lejn id-dar biex iġib il-flus biex jixtrihom lura u jerġa' jagħtihom il-libertà. Bħal San Franġisk l-għasafar kienu jittajru madwaru.

Wara d-dehriet tal-1717 Francesco ta' spiss kien jinġabar waħdu f'xi parti tal-kampanja, jgħid waħdu t-talba tar-rużarju waqt li jtenni: "Is-Sinjura qaltilna li rridu nbatu ħafna, imma ma jimpurtax; insofri skont kemm tixtieqni! Imma rrid immur il-ġenna."

L-iktar li kien iweġġa' lil Francesco kien il-fatt li ma setax imur il-knisja, minħabba l-influwenza, biex jgħaddi xi ftit ħin ma' Ġesù moħbi fl-Ewkaristija. Kemm għandna x'nitgħallmu minn dan il-fatt aħna li għandna ċ-ċans kollu li mmorru nżuruh! Imma arana nsibu elf skuża biex ma mmorrux! Niftakru li bħal oħtu, Francesco ntrikeb minn din il-marda, li kaxkret għal ġol-qabar sa miljun ruħ mad-dinja kollha.

F'ħinijiet minnhom tant kienet tuġgħu rasu li kien jitlob kemm lil Lucia kif ukoll lil Giacinta biex ibaxxu l-vuċi; xorta iżda kien joffri kollox biex jikkonsla lill-Madonna, li kienet tant tidher imnikkta li l-umanità ma tagħtix kasha u tagħmel penitenza u tikkonverti.

Waqt li d-dehra tal-infern ma ħasditux daqskemm affettwat liż-żewġ sħabu l-oħra, Francesco iżda ma setax ineħħi minn quddiem għajnejh id-dehra tad-demonju li kien ra fl-infern, jitfa' u jwaddab nifsijiet kbar tan-nar!

Jekk dik id-dehra kienet twerwru, il-biża' tal-mewt le! Jum biss qabel ma miet, dar lejn Lucia u qalilha: "Jien marid sewwa; ma ndumx ma naqbad triqti lejn il-ġenna." Hawnhekk kien talab biex iqerr, biex wara jirċievi t-tqarbin u jmut. Talab lil Lucia u lil Giacinta jfakkruh f'xi nuqqasijiet li seta' għamel. Lucia tistqarr li dal-kuġin kien isib l-aqwa ferħ u l-milja ta' ħajtu fit-Trinità qaddisa.

"Saħħa, Francesco," qaltlu Lucia, li kienet taf li hi kien fadlilha ħafna snin x'tgħix f'din id-dinja. "Jekk illejla tmur il-ġenna, tinsiniex meta tkun hemmhekk. Qed tismagħni?" B'dawn il-kelmiet Lucia ħarġet mill-kamra flimkien ma' zijitha, waqt li sellmitlu għall-aħħar darba bil-kelmiet 'Saħħa, Francesco' lil dan il-kuġin, li tant kien qrib qalbha u li baqa' hekk tul għomorha kollu. "Sakemm nerġgħu niltaqgħu fis-sema, saħħa!"

U hekk il-ħajja taċ-ċkejken Francesco ntemmet fuq din l-art biex tibda għalih eternità sabiħa li ma tispiċċa qatt. Francesco ġie ddikjarat qaddis f'għeluq il-100 sena mid-dehriet ta' Fatima fit-13 ta' Mejju 2017 mill-Papa Franġisku. Huwa t-tieni qaddis l-iktar ċkejken wara oħtu Giacinta.





Esperjenza

CLAIRE BUSUTTIL

# FIDI U TAMA KATTAR FIJA, U BI MĦABBTEK IMLIENI

L-aħħar ħames snin għallmuni napprezza li niskot u nisma' iktar milli ngħid tiegħi. Fl-aħħar ħames snin ħajti nbidlet ta' taħt fuq.

Ħames snin ilu, fl-età ta' 32 sena, skoprejt li kelli tumur f'sidri. Din l-aħbar ħadtha bi kbira, u l-ikbar inkwiet li kelli ma kienx dak li kont ħa ngħaddi minnu, iżda kif kont se ngħid lill-ġenituri tiegħi u lil sħabi. Fil-fatt lill-infermiera tal-kura tas-sider li kienet assenjata lili għedtilha, "Ommi se toqtolni!" Bl-intenzjoni li tnaqqas it-tensjoni li kien hemm fil-kamra, l-infermiera b'ton serju weġbietni, "Jekk ommok ħa toqtlok, għidilha tagħmel dan qabel ma nibdew il-proċeduri." L-uniċi nies li kienu jafu minn xiex kont għaddejja kienu d-direttur li dak iż-żmien kont naqa' taħtu, is-sieħeb tiegħi, u ħabibti, li riedet tiġi miegħi għall-vista u ma ħallejthiex.

L-infermiera kellha raġun! Ma kontx għadni naf x'inhu ġej għalija u għal ta' madwari. Kien Lulju, ix-xahar li fih nagħlaq snini. Għamilt ħilti kollha biex ngħix ħajja normali. Niftakar li anke meta ċċelebrajna għeluq snini, b'għajnejja mimlijin dmugħ, kont beżgħana minn dak li kien għadu ġej għalija. Il-perċezzjoni hi li la ħariġlek tumur, inti għandek iċ-ċertifikat tal-mewt.



Minn ġuf ommi kont midħla tal-patrijiet Kapuċċini fil-Kalkara. Fil-ħin li konna sejrin biex ituni sodda, iltqajt mal-patri li kien xogħol l-isptar f'dik il-ġurnata. Kien ta' wens kbir għalija. Tlabna flimkien u nessieni ftit mill-ħsibijiet bir-rakkonti u ċ-ċajt tiegħu.

Fid-9 ta' Awwissu ġejt operata u neħħewli parti minn sidri. Kull operazzjoni hija trawma, iżda l-fatt li jkollok titlef parti minn ġismek hija trawma ikbar. Din però aċċettajtha, għalkemm inbidlet il-viżjoni tiegħi lejja nnifsi. L-għada tal-operazzjoni stenbaħt kmieni ħafna u ridt ninħasel, fejn irrealizzajt li kelli bżonn l-għajnuna biex nagħmel l-affarijiet personali tiegħi.

Mhix sitwazzjoni faċli! Il-visti l-isptar ma naqsux, u lanqas is-sapport mill-ġenituri, mis-sieħeb tiegħi u wisq inqas minn sħabi u l-kollegi tax-xogħol.

L-ispeċjalisti tal-isptar iddeċidew li jtuni l-kimoterapija, u dan kien jinvolvini biex niltaqa' mal-onkologu li kien se jieħu ħsiebi. Dak iż-żmien għall-kimoterapija konna mmorru l-Isptar Boffa. L-appuntament li kelli mal-onkologu ħabat li kien it-Tnejn, fil-bidu ta' Settembru tal-2012, u kienet ġurnata li fiha nfetħu bwieb is-sema. Id-daħla tiegħi ġol-isptar ma kienet xejn pjaċevoli. Tant kien ikrah it-temp li l-post impressjonani aktar, u bdejt nistħajjilni dieħla fil-ktieb ta' Scrooge. Minħabba li konna xi ftit kmieni għall-appuntament, bqajt dieħla fil-kappella. Lil Ġesù Sagramentat bdejt insaqsih,

"Int lili taf fejn ġibtni? Żgur għalija ġejt hawn?" Kien dak il-ħin meta bkejt waħda mill-ikbar bikjiet ta' ħajti. L-onkoloġista induna li kont ixxukkjata, u qalli, "Nispera li ma tiħux lill-istaff bħalma ħadt l-isptar," imbagħad spjegali x'kien qed jiġri ġewwa ġismi u x'kien ser ikun qed jiġri b'kawża ta' dan it-trattament.

L-onkoloġista tani appuntament għat-Tnejn ta' wara biex nidħol għall-ewwel trattament. Kien Settembru, iż-żmien meta raħal twelidi jiċċelebra l-festa tal-Grazzja. Għalkemm m'iniex l-aktar persuna akkanita għall-festa, ma kienx hemm sena waħda li fiha tlift il-ħruġ u d-dħul tal-vara. Iżda dakinhar lill-Madonna rajtha ħierġa minn fuq it-televiżjoni bi gliegel ta' dmugħ neżlin minn għajnejja. Minflok mort għax-xalata bdejt it-trattament. Kellu raġun l-onkoloġista. It-tobba, in-nurses u l-ħaddiema tal-isptar kollha daru miegħi u kienu ta' sapport kbir. Kollha sirt nafhom b'isimhom, u ma ninsihomx.

Mal-ewwel trattament waqagħli xagħri u bdejt inżid fil-piż. Ommi ma setgħetx taċċetta l-fatt li kont nilbes l-imkatar minflok xi parrokka. Ma stajt nagħmel xejn iktar, u meta t-trattament ma bediex jaqbel miegħi u beda jitlagħli għonqi b'raxx, kellhom ituni xi steroids biex il-ġisem ma jbatix. L-ewwel tlett ijiem kont inkun muġugħa u mingħajr aptit ta' xejn, imma kif is-sieħeb tiegħi ma kienx ikun xogħol, konna nlebbtu 'l barra. L-aħħar kimo li ħadt kien lejlet il-Milied. Għadni napprezza sal-ġurnata tal-lum li minkejja l-ġranet twal u bla waqfien ta' ħidma, il-ħaddiema ħadu l-intrigu li jżejnu s-swali għall-Milied. Niftakar li ġennint il-pazjenti biex fl-24 ta' Diċembru kulħadd jipprepara xi ħaġa tal-ikel u nagħmlu festin, għalkemm konna nkunu fuq is-sodda u ma niċċaqalqux u ma niklux. Kien hemm Anġlu qalli, "Jien ħa nispiċċa t-trattament qabilkom, imma xorta ħa niġi." Sfortunatament illum Anġlu m'għadux magħna, imma ħallieli memorji sbieħ. Kien raġel matur u kellu tfal tampari. Kien raġel li bata f'ħajtu imma kellu entużjażmu kbir lejn il-ħajja.

Għamilt ir-raġġi. F'Marzu r-relazzjoni li kelli tkissret, u din kienet telfa kbira. Dħalt għax-xogħol wara seba' xhur. Ma kinitx faċli, għalkemm ħassejt in-nuqqas tal-kollegi tiegħi u x-xogħol. Mort lura u sibt merħba liema bħalha, u sal-lum nibqa' grata kemm lejn it-tmexxija tal-Malta Financial Services Authority kif ukoll lejn sħabi. Min kien iċempel u min kien jiġi jittawwalli jew joħroġni. Il-preżenza tal-kollegi u ta' sħabi f'ħajti kienet ittini l-kuraġġ biex inkompli niġġieled. Iltqajt ma' diversi intoppi, u anki sibt min għamilli intoppi psikoloġiċi. Dawn l-intoppi jikkawżaw tbatija ferm akbar mill-marda. Minkejja kollox erġajt bdejt immur il-gym u nagħmel l-eżerċizzju. Dħalt f'relazzjoni oħra. Biddilt ix-xogħol u l-ħajja reġgħet bdiet ġejja lura għan-normal. Fi Frar ta' wara għamilt rikostruzzjoni tas-sider u neħħewli l-parti l-oħra, biex innaqqas ir-riskju li l-kanċer jerġa' joħroġ mill-ġdid. F'Settembru ta' wara applikajt biex inkompli nistudja, u bl-għajnuna tal-ġenituri, tal-maħbub tiegħi u tal-għalliema rnexxieli niggradwa b'diploma fl-ekonomija.



Għalkemm, bħal dejjem, kont attenta x'niekol u nagħmel l-eżerċizzju kuljum, irrealizzajt li ma kontx qed nitlef mill-piż, u b'hekk iddeċidejt li mmur għand endokrinoloġista. Dan ħadli d-demm, u meta mort għar-riżultat qalli li eżaminali d-demm għal xi tumur. Dan it-tip ta' test mhux li toqgħod fuqu, u allura talabni biex l-għada nerġa' mmur nagħmel test tad-demm, biex naraw jekk kienx hemm xi żball jew le. Għamiltu u ġie kkonfermat dak ll ma xtaqtx nisma': li t-test baqa' pożittiv. L-ispeċjalista ġegħelni nagħmel appuntament mal-professur tiegħi mill aktar fis possibbli, li għalkemm kien xettiku fuq ir-riżultat, anki minħabba t-tip ta' trattament li tawni, bagħatni nagħmel CT Scan. Dan l-iscan irriżulta li t-tumur reġa' tfaċċa, iżda din id-darba fil-fwied. Minn wiċċ l-ispeċjalista u l-infermiera indunajt li reġa' ġej l-għawġ. Din id-darba rġajt m'għedt xejn lil ħadd, ħlief lill-maħbub tiegħi, lill-imgħallem tiegħi u lil żewġt iħbieb tal-qalb.

UNIVERSITY OF MALTA LIBRARY MELITENSIA

Kellna ppjanat li nsiefru bejn il-Milied u l-Ewwel tas-Sena, u ddeċidejt li nibqa' għaddejja bil-pjan. Malli wasalt lura Malta għedt lill-ġenituri! Kien xokk ieħor għalihom. Għalija ma kienet xejn faċli, u rġajt bdejt niskopri s-sabiħ tal-ħajja, l-imħabba li tatni raġuni ikbar għal xiex nikkumbatti. Flimkien mal-maħbub tiegħi bdejna nfittxu dar u bdejna naħsbu għall-futur tagħna. Erġajt bdejt ninkwieta għall-ġenituri tiegħi u għall-maħbub tiegħi. It-tieni darba bdejt nibża' li se niggrava u nħallihom.

Tkellimt mal-onkologu u ddiskutejna t-tipi ta' trattamenti li jeżistu. Jien tlabt lill-onkologu tiegħi biex iħallini ngħix ħajja normali kemm nista'. Irrealizzajt li jien ħajti kollha ħa jkolli ngħix b'kundizzjoni. Bdejt it-trattament u l-imgħallmin tiegħi ma ridunix nidħol lura għax-xogħol. Iżda wara ħdax il ġimgħa ddeċidejt li nidħol lura, bil-patt u l-kundizzjoni li nevita l-kuntatt mal-kollegi. Infatti bdejt inpoġġi fit-tarf tal-filliera u naħdem anqas sigħat. Ħajti għamluhieli inqas diffiċli.

Il-kundizzjoni tiegħi titlob li kull tliet xhur nagħmel testijiet partikolari u spiss niltaqa' mal-onkologu biex niddiskutu r-riżultati. F'Marzu li għadda, minħabba li ma bediex ikun hemm progress fit-tumur u ma kienx qed jiċkien, l-onkologu u jien iddiskutejna trattamenti alternattivi. Tani l-parir biex nerġa' nieħu r-raġġi. Din id-darba ddiskutejt mal-maħbub tiegħi rigward il-ħsieb li jkollna tarbija. Għalih l-iktar ħaġa importanti kienet ir-relazzjoni ta' bejnietna. Fil-fatt qalli, "Sabiħ ikollna tarbija, imma mhux l-iktar ħaġa importanti. L-importanti r-relazzjoni ta' bejnietna."



Biex nipproteġih kont ngħidlu biex jitlaqni u jibni futur ma' mara oħra. L-unika kundizzjoni li kont nagħmillu bi tbissima kienet li f'każ li niġi nieqsa, f'San Valentinu jagħmilli l-fjuri, għalkemm qatt ma kont nimmaġina kif ħa nkampa mingħajru. It-8 ta' Mejju ta' din is-sena kienet l-aħħar ġurnata li ħadt ir-raġġi. Kont fis-seba' sema u b'entużjażmu kbir nistenna lill-maħbub tiegħi jiġi lura d-dar mix-xogħol. Iżda dan ma ġiex, għaliex kellu inċident li ħallieh mejjet! Raymond kien raġel twajjeb ħafna u b'tama kbira li jien infiq.

In-nuqqas ta' Raymond huwa enormi, għalkemm il-fidi li hu qiegħed f'post aħjar issabbarni. In-nuqqas tiegħu għadu jinħass immens. Nixtieq li kellna ċ-ċans li ngawdu lil xulxin aktar. F'Lulju li għadda mort pellegrinaġġ ġewwa Spello. It talb għalih flimkien mal komunità għenni nistabar xi ftit.

Nammetti li għalkemm l-ewwel jumejn wara l-mewt ta' Raymond bdejt naħseb li Alla kien issa nesieni tassew, bdejt nitlob iktar. Illum fejn nara kappella nidħol nagħmel adorazzjoni. Ħafna mid-drabi l-aktar li nsib wens huwa fil-kappella tal-isptar. Qatt ma bsart li ser imut qabli, imma dejjem tlabt li la hu u lanqas ħadd ma jbati n-nuqqas tiegħi. Nitlob ħafna li nkun ta' eżempju tajjeb għall-oħrajn, għalkemm nammetti li sirt vera nervuża, u jekk naħtaf lil xi ħadd, aħfruli.

Nammetti li x-xogħol u l-ħbieb iżommuni aljenata. Nirringrazzja 'l Alla tal-ġenituri li tani, tal-patrijiet li trabbejt magħhom, tal-ħbieb li għandi, il-kollegi u l-kumpanija fejn naħdem illum, u tal-ħaddiema tal-isptar, li sirt nikkunsidrahom bħala ħbieb, tal-patrijiet li jaħdmu l-isptar u ta' sħabi tal-grupp F.act. Grazzi u nżommkom kollha f'talbi.

**Nemmen f'żewġ affarijiet: it-tama u l-fidi.**

B'dedika lill-maħbub tiegħi Raymond





JOSEPH C. CAMILLERI BA, DEAM, M.ED. (PL. & MGT)

# STRADA RJALI – L-AQWA TRIQ TAL-BELT, TRIQ IN-NAMRATI

Sa nofs is-seklu għoxrin in-namur ma kienx kif nafuh illum. Fl-irħula kien għad hawn min jinqeda bis-servi: il-ħuttab jew ħuttaba. Ġuvni li ried jiżżewweġ, jew kif kienu jgħidu, jinġabar, kien jipprova jara xi tfajla waqt xi festa jew waqt xi funzjoni fil-knisja. Ġieli kien imur jimxi ma' xi membru tal-familja fiż-żoni tal-ħwienet. Meta jaraha ma kienx ikellimha, u lanqas hi ma kienet tkellmu. L-uniku mod kif setgħu jiftiehmu kien bil-ħars. Is-soltu l-ġuvni kien imur għand il-ħuttab/ħuttaba u dan kien jgħidlu xi tagħrif li kien jaf fuqha. Il-ħuttab kien imur għand nies it-tfajla u jħajjarhom għall-ġuvni. Jekk jaqblu, issir il-laqgħa f'dar nies it-tfajla. Jekk kollox imur sew, il-koppja tasal għar-rabta jew l-għerusija u wara għaż-żwieġ.



*Il-Familja Mqaddsa quddiem il-Parlament*

Fl-istess żmien daħlet id-drawwa li meta ġuvni jara tfajla u jieħu grazzja magħha, kien jibgħat lil xi membru tal-familja għand il-ġenituri tagħha. Hawn kienet issir qisha laqgħa bejn il-ġuvni u t-tfajla, li kienu jiltaqgħu u jibdew joħorġu flimkien akkumpanjati minn xi xaperon. Dan kien ikun xi membru tal-familja ta' età żgħira. Jekk kollox imur sew, il-ġuvni u t-tfajla jitgħarrsu



*Siġra tal-Milied quddiem il-Parlament*

u fl-aħħar jiżżewġu. Ftit taż-żmien wara bdiet dieħla d-drawwa li ż-żgħażagħ jinġabru f'xi triq ewlenija jew misraħ prinċipali tar-raħal. Għall-ewwel kien ikun hemm klikka ġuvintur u klikka tfajliet. Wara xi żmien dawn kienu jibdew jitkellmu flimkien u l-koppji jibdew jiffurmaw. Dan kien iwassal għall-għerusija u wara għaż-żwieġ.

## Strada Rjali

L-aqwa triq tal-Belt Valletta kienet Strada Rjali (illum Triq ir-Repubblika). Din it-triq kienet tkun mimlija ħajja minn meta jagħlqu l-uffiċini sakemm idoqqu d-disgħa. Fil-ġranet ta' matul il-ġimgħa kien ikun hemm xi ftit żgħażagħ, iżda nhar ta' Sibt u nhar ta' Ħadd, kif ukoll fil-ġranet ta' festa, Strada Rjali kienet tkun mimlija daqs bajda. F'din it-triq kont tara ħafna żgħażagħ – tfajliet u ġuvintur kif ukoll xi baħrin u suldati. Wieħed irid jiftakar li f'dawk iż-żminijiet Malta kienet bażi militari. Dan kien ifisser li f'Malta kien hawn żgħażagħ Ingliżi li kienu suldati



*Il-Parlament*

fl-armata Ingliża jew fin-Navy, jiġifieri fuq il-vapuri militari Ingliżi. Strada Rjali kienet mimlija ħwienet li fil-jiem tal-ġimgħa kienu jibqgħu miftuħa sas-sebgħa ta' filgħaxija, iżda nhar ta' Sibt il-ħwienet kienu jibqgħu miftuħa siegħa aktar. Nhar ta' Ħadd il ħwienet kienu jibqgħu magħluqa. Strada Rjali kienet popolari bħala post ta' divertiment. Konna nsibu swali taċ-ċinema u swali taż-żfin.

Fis-snin ħamsin u sittin tas-seklu għoxrin, għall-ħabta tal-ħamsa, ħafna żgħażagħ kienu jħallu r-raħal tagħhom bil-karozza tal-linja u jaslu wasla sal-Belt Valletta. Kienu jidħlu minn Bieb il-Belt. It-tfajliet kienu jinġabru ċorma ċorma u jibdew jippassiġġaw flimkien, daqqa 'l fuq u daqqa 'l isfel matul din it-triq. Kienu jibqgħu sejrin hekk sakemm idoqqu d-disgħa ta' filgħaxija. Mad-disgħa dawn it-tfajliet kienu jibdew jaħsbu għad-dar bix-xarabank.

Is-subien kienu wkoll jinġabru fi gruppi, iżda dawn kienu jinġabru fuq il-bankina ta' din it-triq, jaraw it-tfajliet għaddejjin. Waqt li t-tfajliet jgħaddu, il-ġuvintur kienu jgħaddu r-rimarki fuq dik u fuq l-oħra. Xi rimarki kienu jġibu d-daħq. Ġieli l-ġuvintur kienu jużaw is-sinjali. Xi kelma 'l hemm u 'l hawn ma kinitx tonqos. Ftit wara d-disgħa l-ġuvintur kienu jaħsbu wkoll biex imorru lura d-dar. Bil-mod il-mod dawn kienu jibdew jinġabru ma' sħabhom tal-istess raħal, jimxu bil-mod il-mod lura lejn it-terminus tal-karozzi tal-linja.



*Palazzo Ferreria*

Ta' min jgħid li f'dawk iż-żminijiet fil-Belt Valletta kien hemm żewġ termini tal-karozzi tal-linja. Wieħed kien fuq Kastilja. Hawn kont issib il-karozzi tal-linja taż-Żejtun, Ħal Għaxaq u l-Gudja, kif ukoll ta' Birżebbuġa. Terminus ieħor kien f'Bieb il-Belt. Hawn kont issib karozzi tal-linja għal Tas-Sliema u San Ġiljan, u l-Kottonera (l-Isla, Bormla u l-Birgu). Mad-daqq tad-disgħa dawn it-termini kienu jimtlew daqs bajda. Min jitla' fuq karozza u min jitla' fuq oħra. Waqt li jkunu fuq tal-linja kienu jinġabru gruppi tat-tfajliet u gruppi tas-subien. Il-kummenti kienu jkunu fl-aqwa tagħhom. Xi ħarsa ma kinitx tonqos u forsi wkoll il-bidu ta' xi storja li kienet twassal għal fuq l-artal.



*Il-Main Guard*

## Bejjiegħa

Strada Rjali kellha l-bejjiegħa tagħha. Fost dawn il-bejjiegħa kien hemm dawk li jbigħu l-ġiżimin. Sa qabel it-Tieni Gwerra Dinjija, meta kien ikun żmien il-ġiżimin, kien ikun hemm raġel bil-bukketti ta' dawn il-fjuri. Il-ġiżimin kien popolari fost it-tfajliet. Dawn kienu jħobbu jdommuhom fuq ħajta biex jagħmluhom qishom kullana. Wara kienu jlibbsuhom bħala fwieħa. Il-bejjiegħa tal-ġiżimin kien ikollhom qasba u fuqha kienu jżommu numru ta' kullani tal-ġiżimin. Il-ġuvintur kienu joffru dawn il-kullani lil dawk it-tfajliet li jkunu jogħġbuhom. Dan kien ikkunsidrat bħala l-ewwel pass li jista' jwassal għal ħbiberija intima 'l quddiem bejn ġuvni u tfajla.

## Referenza

Lanfranco Guido, 'Strada Rjali tan-Namrati', *Mill-Każin*, ħarġa nru 43, Għid il-Kbir 2011



Reliġjon u Kultura

KAV. JOE M. ATTARD

# MILL-ĠDID IL-FESTA MAGĦNA!

Il-festa tal-Immakulata Kunċizzjoni mill-ġdid tinsab magħna. Bla dubju kulħadd ikun jistennieha, għaliex l-istaġun tal-festi jkun ilu li għadda xi ftit u allura ħafna jkunu dawk mixtieqa minn xi żewġ murtali tal-kulur u mill-ħoss tal-banda. Ir-Rabat tagħna jinbidel bħal-lejl min-nhar, għaliex fi ħdan il-knisja tal-patrijiet Franġiskani għandna grupp tal-armar li jaħdem is-sena kollha u allura jarma t-toroq ewlenin tagħna, mnejn l-Immakulata tgħaddi merfugħa fuq l-ispalel f'jum il-festa waqt il-purċissjoni. Ma' kull sena li tgħaddi arah dan il-grupp ta' żgħażagħ regolarment iżanżanlek armar ġdid maħdum b'tant sengħa u mħabba u b'sagrifiċċju. Wara kollox taqblu miegħi li l-armar jagħti dehra u ħajja lill-festa. Jiena nħeġġeġ lil dawk kollha li joqogħdu fit-triq tal-purċissjoni biex iżejnu u jixegħlu l-galleriji tagħhom, biex b'hekk inkomplu nkabbru dil-festa, magħrufa bħala 'l-istilla tal-maltemp', u kif tafu mhux l-ewwel darba li l-istatwa ħelwa tal Immakulata kellha tibqa' mill-għatba 'l ġewwa tal-knisja, billi t-temp ma jkun xejn ħanin magħna. Bla ebda dubju l-gwardjan jagħmel minn kollox biex jarma l-knisja u jġibilna l-aqwa predikaturi, kemm għat-tlett ijiem tat-tridu kif ukoll għall-paniġierku.

Mhux hekk, wara kollox, jistħoqqilha Marija Immakulata, patruna tal-Ordni Franġiskan? Il-knisja ta' San Franġisk tinsab fiċ-ċentru tal-Belt Victoria, u allura jżuruha ta' kuljum mhux biss il-ħafna familji li jgħixu madwarha imma wkoll ħafna minn dawk li jinzertaw il-Belt Victoria għal xi qadja kif ukoll barranin li jiġu jarawna s-sena kollha. Jien niftakarha mneżżgħa minn ħafna pittura, indoratura u skultura, imma diversi gwardjani matul iż-żmien għamlu l-almu tagħhom biex jagħtuha dehra ġdida, u llum nistgħu ngħidu li saret l-għaxqa ta' kull min jirfes mill-għatba 'l ġewwa.

Niftakar lil Patri Bastjan jibni l-kor tal-injam, biex inkun semmejt wieħed, waqt li l-pittur bravu l-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi jimla l-knisja b'pittura ħajja u kkulurita għall-aħħar. Dan kollu sar bl-għajnuna tal-komunità li tgħix madwar din il-knisja u l-kunvent, u bl-inizjattivi li dejjem ħadu dawk responsabbli.

Bla dubju l-festa titlob minna lkoll mhux biss is-sehem finanzjarju, imma wkoll wisq iżjed: il-preżenza tagħna fil-knisja għall-funzjonijiet sbieħ li jsiru, kemm matul il-ġimgħa tal-festa u kull meta jsejħilna l-gwardjan għal xi funzjoni oħra. Nemmen li ħafna minnkom kienu preżenti wkoll għas-Sibtijiet ta' qabel il-festa, li bdew matul Settembru. Għal dawk li għal xi raġuni jew oħra ma jkunux jistgħu jersqu lejn il-knisja matul

dan iż-żmien sabiħ u għażiż, l-istazzjon tar-radju Leħen il-Belt Victoria jwassal fi djarhom trażmissjoni diretta tat-tlett ijiem tat-tridu, dak kollu li jsir lejlet il-festa filgħaxija kif ukoll il-pontifikal ta' jum il-festa, flimkien mal-ħruġ u d-dħul tal-purċissjoni nhar it-8 ta' Diċembru, l-għid tal-Immakulata Kunċizzjoni. Din il-festa fi dħul ix-xitwa ssir ukoll bl-akbar solennità fis-santwarju qadim tal-Immakulata 'l ġewwa mill-Qala kif ukoll ġewwa Bormla f'Malta.

Eh, hbieb tiegħi u devoti tal-Immakulata, din hija l-Omm imwielda minn Sant'Anna u San Ġwakkin, li tnisslet u twieldet mingħajr id-dnub oriġinali għax Alla l-Missier għażilha biex tkun l-Omm ta' Ibnu Ġesù li twieled fl-għar ta' Betlem (li matul Awwissu li għadda kelli x-xorti li mmur inżur mal-familja tiegħi u nbus il-ħġieġa li tipproteġi l-post fejn twieled il-Bambin Ġesù)! Mill-idejn u l-iskriepel tal-iskultur Salvatore Psaila ħarġet ġawhra ta' statwa li l-Franġiskani tant huma kburin biha. Kemm kien jifraħ il-ħabib tiegħi Ġużeppi Aquilina meta kien isib ruħu quddiemha! U erħilu s-sena kollha jgħix għal din il-festa! Min jaf kemm-il mota daqqilha! Ċert li llum qed igawdiha fis-sema, fejn nixtiequ mmorru lkoll! Ma kont qatt nixba' nisma' jipprietka u jgħallimna dwar din l-Omm tagħna tas-sema lil Patri Bonaventura Camilleri, xmara ta' għerf li llum ingħaqad magħha fit-tgawdija eterna tal-ġenna. Mhux inqas lil Patri Egidio Mizzi, li b'paċenzja u vuċi soda għadda ħajtu jgħallem lil kull min kien jisimgħu. L-Ordni Franġiskan tilef żewġ kolonni li mhux lakemm jikseb bħalhom!

Mill-ġdid reġgħet waslet fostna
din il-festa ta' Marija –
din ix-xebba singulari
illi tnisslet mingħajr ħtija.

Għax hekk ried is-Sinjur Alla,
illi d-dnub, le, ma jmisshiex;
fuqha sawwab daqstant grazzji,
ma tgħoddhomx; huma bla qies!

Ta' kull sena, o Marija,
jien ninsiġlek xi ftit vrus.
Jien inħobbok, ja omm tiegħi,
minn qalbi ħarġu dal-ħsus!

Min jaf kemm batejt għal ibnek,
kemm duluri int sofrejt,
sakemm rajt lil Ġesù jikber.
Rajtu jmut; min jaf x'ħassejt!

Tinsab issa int fis-sema
mal-Imqaddsa Trinità,
ma' tant qaddisin u anġli
għal kemm hi l-eternità!

Mill-ġenna, fejn tinsab tgawdi
lill-Missier etern qaddis,
eħlisna minn din id-dinja
ta' tbatija, hemm, tnassis!

Meta toħroġ fuq l-ispalla
biex iddur mat-toroq tagħna
iġborna dlonk f'merħla waħda
u mill gwaj u t tajn erfagħna!

Itfa' ħarstek fuqna kollha,
trabi, tfal, żgħażagħ u kbar
koppji, morda u anzjani.
Tħalliniex nimxu fiċ-ċpar,

imma tina int il-grazzja
illi nterrqu għad-dell tiegħek,
sabiex wara din il-ħajja
fis-sema ningħaqdu miegħek.

Evviva l-Immakulata,
sur ta' kenn u blata tagħna!






# WERREJ
## Jannar – Diċembru 2017

**Il-Belt Valletta: Ġawhra Unika**
**(Joseph Camilleri)**
Lejn iċ-Ċelebrazzjoni tal-Belt Valletta: Belt Kapitali Ewropea ........ Jannar 26-27
Il-Gran Mastru Jean de Valette ........ Frar 26-27
Gerolamo Cassar – il-Perit tal-Belt ........ Marzu 24-25
Il-Bini tal-Belt Valletta ........ April 23-24
Il-Konkatidral ta' San Ġwann ........ Mejju 12-13
Il-Palazz tal-President ........ Ġunju/Lulju 22-23
Il-Bereġ ........ Awwissu/Settembru 23
Il-Bibljoteka Nazzjonali ........ Ottubru 22
Bini ta' Żmien l-Ingliżi ........ Novembru 14-15
Strada Rjali ........ Diċembru 25-26

**Bibbja**
**(Mons. Lawrenz Sciberras)**
Is-Sultan Ħosija (ta' qalbu twajba tassew) ..... Frar 5-6
Is-Sultan Għużżija ........ Marzu 6-7
Is-Sultan Ħeżekija (l-1 parti) ........ Mejju 6-7
Is-Sultan Ħeżekija(it-2 parti) .. Awwissu/Settembru 8-9
Ġerobogħam (l-1 parti) ........ Novembru 5
Ġerobogħam(It-2 parti) ........ Diċembru 5-6
**(P. Donat Spiteri OFMCap)**
Mill-Kitbiet li Ħallielna
L-Iben il-Ħali ........ Marzu 8-9
L-Amministratur Ħażin ........ Ġunju/Lulju 6-7
Il-Parabbola tal-Għani u Lażżru ........ Ottubru 6-7

**Editorjal**
**(Fr Philip Cutajar OFMCap)**
Sena Ġdida – Sena ta' Gratitudni ........ Jannar 3-4
Il-Fidi Dejjem Riskju ........ Frar 3-4
L-Għażla tal-Libertà f'Soċjetà Demokratika .. Marzu 3-4
Inbiddlu l-Attitudni, il-Liġi Le ........ April 3-4
100 Sena minn Fatima ........ Mejju 3-4
Il-Vaganzi: Relax jew Rikreazzjoni? .... Ġunju/Lulju 3-4
Il-Vera Devozzjoni Marjana .. Awwissu/Settembru 3-4
Niġġieldu Kull Tip ta' Bullying ........ Ottubru 3-4
"Fik biss it-tama tiegħi, Mulej!" ........ Novembru 3-4
Id-Djalogu Etern ........ Diċembru 3-4

**Esperjenzi**
**(Fr Ivan Scicluna OFMCap)**
Esperjenza Franġiskana Kapuċċina fi Clemont-Ferrand ........ Jannar 10-11
**(Henry Zaffarese)**
Esperjenza F.Act ........ Jannar 28-29
**(Charmaine Pisani)**
"Alla jdawwal id-dlam tiegħi" ........ Ottubru 27
**(Lynn Aquilina)**
Mawra sa Greccio f'Malta Stess ........ Frar 30
**(Philip Said)**
Padre Pio: Bejn Storja, Devozzjoni u Fidi ........ Marzu 22-23
Padre Pio: Laqgħa bejn Arti u Fidi ........ Mejju 10-11
**(Claire Busuttil)**
Fidi u tama kattar fija, u bi mħabbtek imlieni ........ Diċembru 22-24

**Filatelija**
**(Joseph C. Camilleri)**
Is-Sena tal-Ħniena fuq Bolol tal-Vatikan (1). Frar 9-10

**Franġiskaniżmu**
**(MarJoe Callus – F.Act)**
Id-Devozzjoni Marjana fil-Ħajja ta' San Franġisk ........ Mejju 8-9
**(Fr Ivan Scicluna OFMCap)**
Terremot fi Spello ........ Ġunju/Lulju 20-21
**(Papa Emeritu Benedittu XVI)**
San Franġisk t'Assisi ........ Ottubru 8-11
**(Fr Charles Buttigieg)**
Franġisku t'Assisi: Il-Qaddis tad-Djalogu ........ Ottubru 12-13

**KAPUĊĊINI**
**Storja tal-Kapuċċini f'Malta**
**(Paul Dimech)**
Diskors tal-Ftuħ tal-Monument lill-Kapuċċini fil-Marsa ........ Jannar 5-7
**(Winston Zammit)**
L-Isqof Fra Antonio Marija Buhagiar OFMCap (1884) ........ Frar 7-8
Il-Franġiskani Kapuċċini f'Malta (1890-1899) L-1 Parti ........ Ġunju/Lulju 8-9

Il-Franġiskani Kapuċċini f'Malta
(1890-1899) It-2 Parti ................Novembru 10-11
(Fr Martin Micallef OFMCap)
Il-Konsagrazzjoni tal-Knisja
tal-Kapuċċini fil-Furjana...................... April 16-17
70 Sena mit-Tqegħid tal-Ewwel Ġebla
tal-Knisja tal-Kapuċċini fil-Furjana ... Mejju 24 - 28

**Kapuċċini li ħallewna**
(Fr Philip Cutajar OFMCap)
Ħsadtna bit-Tluq Tiegħek:
Ħuna Joe Saliba OFMCap ................Jannar 20-21
Il-Fra li Għamel Ħafna Ġid -
Fra Joe Vella OFMCap.......................... Frar 20-21

**Kapuċċini – Provinċja Maltija – Aħbarijiet**
(Br Miguel Zammit OFMCap)
Mid-Djarju tal-Kapuċċini Maltin ............... Frar 14-19
Mid-Djarju tal-Kapuċċini Maltin ........... Marzu 16-17
Mid-Djarju tal-Kapuċċini.......................... April 27-29
Mid-Djarju tal-Kapuċċini...............Ġunju/Lulju 16-18
Mid-Djarju tal-Kapuċċini . Awwissu/Settembru 16-19
Mid-Djarju tal-Kapuċċini.................Novembru 17-20
Mid-Djarju tal-Kapuċċini................. Diċembru 16-19
(Fr Philip Cutajar OFMCap)
Ministeru fil-Knisja
– Żewġ Djakni Ġodda.....................Ottubru 16-17
Ministru Provinċjal Ġdid......................Novembru 16

**Katekeżi**
(Emanuel Micallef)
Ħażżmu Ġenbejkom bil-Verità..................Jannar 8-9
Il-Ġlieda Kontra l-Ħażen....................... Marzu 10-11
Aqbdu x-Xabla tal-Ispirtu
li hi l-Kelma ta' Alla.......................... Mejju 22-23
L-Ilsien huwa Nar: Kif Timmansa Lsienek ... Ottubru 5

**KNISJA**
**Ħajja, Ħidma u Aħbarijiet**
(Fr Silvestru Bonavia OFMCap)
Ġimgħa ta' Talb
għall-Għaqda fost l-Insara ...............Jannar 16-17
Ir-Riforma tal-Knisja................................ Frar 11-12
Ir-Raba' Sena tal-Papa Franġisku .......... Marzu 14-15
Mixja bla Waqfien ................................. April 14-15
Fatima: 100 Sena Wara......................... Mejju 16-17
L-Era Diġitali...................................Ġunju/Lulju 14-15
"Inkunu Tama għal Hutna
Madwarna" ............ Awwissu / Settembru 14-15
Lejn is-Sinodu taż-Żgħażagħ ...............Ottubru 14-15
95 Isqof Kapuċċin
għall-Qadi tal-Knisja ......................Novembru 28-29
Qaddis u beatu Kapuċċini ġodda
jgħallmuna kif Nisfruttaw
id-diżappunti f'ħajjitna ..............Diċembru 14-15

**Kompetizzjoni u tisliba**
(Fr Wistin Attard OFMCap)
ROKNA GĦAT-TFAL kull xahar ... Jannar-Novembru 31
TISLIBA kull xahar ...................Jannar-Novembru 31

**Kultura u Ambjent**
(Kav. Joe M. Attard)
Id-Dwejra Ssaħħarni! ............................ Mejju 14-15
(Gordon Cilia)
Preservazzjoni ta'
Monumenti f'Pajjiżna ..............Ġunju/Lulju 24-25

**Kultura u Spiritwalità**
(Fr Thomas Calleja OFMConv)
Alla Jitkellem bil-Kuluri (L-1 Parti) ........Jannar 12-13
Meta Waslet il-Milja taż-Żmien...
(It-Tieni Parti) ................................ Marzu 28-30
Ir-Raqda ta' Marija
(It-Tielet Parti) ............... Awwissu/Settembru 6-7
It-Trasfigurazzjoni tal-Mulej
(Ir-4 Parti) ..................................Novembru 12-13

**MAĠISTERJU TAL-KNISJA**
***Amoris Laetitia***
(Francesco Pio Attard)
Sintesi tal-*Amoris Laetitia* ......................... April 5-10
9 Mistoqsijiet u Tweġibiet fuq *AL* ............ April 11-13
(Kan. Arċipriet Dun Joseph Mizzi)
Riflessjoni fuq il-Kriterji tal-*AL* ............... April 18-20
(Kardinal Dionisju Tittamanzi)
Eku tal-Eżortazzjoni *AL* (L-1 Parti)............ April 21-22
Eku tal-Eżortazzjoni *AL* (It-2 Parti) .......... Mejju 29-30
Eku tal-Eżortazzjoni *AL* (It-3 Parti) ..Ġunju/Lulju 28-30

**Marjoloġija**
(Kav. Joe M. Attard)
Il-Bidu tar-Rużarju (L-1 Parti) ..............Novembru 6-7
Tieqa fuq il-Ħajja
taċ-Ċkejkna Giacinta (It-2 Parti)......Novembru 8-9
Tieqa fuq il-ħajja taċ-ċkejken Francesco
(Fl-okkażjoni tal-ewwel 100 sena
mid-dehriet ta' Fatima) ............Diċembru 20-21

**Mill-iskola ta' Padre Pio**
(Fr Joseph Buttigieg OFMCap)
Assunta di Tomaso..................................Jannar 18-19
Il-Milied fi Pietrelcina fi żmien
it-tfulija ta' Padre Pio........................ Diċembru 8-9
(Vincent Vella OFS)
Padre Pio u l-Anġlu Kustodju
(L-1 Parti)............... Awwissu/Settembru 10-11
Padre Pio u l-Anġlu Kustodju
(It-2 Parti) ......................................Ottubru 24-26
Padre Pio Vittma għas-Salvazzjoni
tal-Erwieħ ..................................Novembru 22-25

**Missjoni**

(Mons. Joseph Alessandro OFMCap)

St Mary's Primary School – Garissa ....... Jannar 22-23

(Karibu Malta)

Volontarjat fl-Artijiet tal-Missjoni .. Ġunju/Lulju 26-27

Xewqa li Seħħet .................. Awwissu/Settembru 30

L-Ewwel Esperjenza ................................ Ottubru 20

Messaġġ tal-Papa Franġisku ............... Ottubru 28-30

**NOVELLA**

(Emily Barbaro Sant)

Sakemm il-Mewt Tifridna .......................... Jannar 30

**PASTORALI TAL-FAMILJA**

(Mons. Dun Pawl Camilleri)

Il-Familja Skont l-Evanġelju (6) ...................... Marzu 5

**PASTORALI TAS-SAĦĦA**

(Fr Mario Attard OFMCap)

Li ltqajt miegħek immur nagħmel vista . Jannar 24-25

Father, ma nafx x'se nagħmel mingħajru! . Frar 24-25

Il-Kelma ............................................. Marzu 26-27

It-Tieqa ............................................. April 25-26

Ġesù, għinna ħa ngħinuk! ...................... Mejju 20-21

Għalfejn il-Mulej ma jħobbniex? ... Ġunju/Lulju 10-11

Għadni kif kont ħdejh! ..... Awwissu/Settembru 12-13

Taqbil ta' kuraġġ ................................ Ottubru 18-19

**PASTORALI VOKAZZJONALI**

(Br Miguel Zammit OFMCap)

It-TAU: Is-Salib Franġiskan .................... Marzu 18-19

Jum il-Vokazzjonijiet ..................... Ġunju/Lulju 12-13

**POEŻIJA**

(Dominic Xuereb)

L-Evanġelizzazzjoni Ġdida .......................... Jannar 25

(George Grech)

Lir-Raħeb ta' Assisi ............................................ Frar 8

(Paul Bonnici)

Konverżjoni ................................................ Marzu 13

(Fr Wistin Attard OFMCap)

Il-Kalċi tal-Imrar ........................................... April 24

Tifkira tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja
tal-Kapuċċini fil-Marsa, it-Trinità ... Ġunju/Lulju 19

(Prof. Oliver Friggieri)

Stabat Mater ............................................. April 30

Xi Mkien Madwari ........................................ Mejju 7

(Kav. Joe M. Attard)

100 Sena minn Fatima .................................. Mejju 5

Frenċ tal-Għarb – 50 Sena minn Mewtu .. Ġunju/Lulju 5

Fl-Għid tal-Assunta ................ Awwissu/Settembru 5

Mort Betlem! ............................................ Diċembru 13

Quddiem ix-xbieha tal-Immakulata ......... Diċembru 7

(John Caruana)

Lill-Provinċjal Fr Effie .............................. Novembru 16

**POLITIKA EWROPEA**

(Kav. Joe M. Attard)

Din mhix l-Ewropa ta' Alcide de Gaspari! . Ottubru 23

**PROFETI TA' ŻMIENNA**

(Nikol Baldacchino)

Edel Quinn ...................... Awwissu/Settembru 20-22

**RELIĠJONIJIET**

(Mario Saliba)

Il-Buddiżmu u Konfuċju ........................ Jannar 14-15

**RELIĠJON U KULTURA**

(Kav. Joe M. Attard)

Kemm Rajt Presepji Sbieħ dan il-Milied! ... Frar 22-23

Mill-ġdid il-festa magħna! ............... Diċembru 27-28

(Fr Reno Muscat OP)

Il-Qaddisin fuq Fommna ....................... Marzu 20-21

**RELIĠJON U STORJA**

(Mons Dun Salv Grima)

Iċ-Ċentinarju tar-Riforma ................ Diċembru 10-12

**RIĊENSJONI**

(Kav. Joe M. Attard)

*Toni Portelli – L-Għalliem li Ħabbu Kulħadd* ... Frar 13

(Joe Debattista)

*HU u Jien* .................................................. Ottubru 21

**SPIRITWALITÀ BIBLIKA**

(Fr Charles Buttigieg)

L-Imħabba tal-Aħwa:
Il-Ħajja tal-Ewwel Insara ...................... Frar 28-29

**SPIRITWALITÀ**

(Il-Papa Franġisku)

O Salib ta' Kristu ................................ Marzu 12-13

(Fr Karmenu Delia SJ)

Ir-Rieda ta' Alla ............... Awwissu/Settembru 26-29

(Fr Charles Buttigieg)

San Ġakbu u Santiago de Compostela .. Novembru 30

**STORJA U PASTORALI**

(Paul Dimech)

50 Sena mit-Twaqqif tal-Parroċċa
Marija Reġina fil-Marsa ................. Novembru 21

**QADDISIN FRANĠISKANI KAPUĊĊINI**

(Fr Martin Micallef OFMCap)

Aktar Beati u Qaddisin Ġodda fl-Ordni Tagħna
(L-1 Parti) .................. Awwissu/Settembru 24-25

Aktar Beati u Qaddisin Ġodda
fl-Ordni Tagħna (It-2 Parti) .......... Novembru 26-27

**QADDISIN TA' ŻMIENNA**

(Fr Charles Buttigieg)

San Ġorġ Preca ...................................... Mejju 18-19

# 8 MODI KIF TISTA' TGĦIN

## L-ewwel u qabel kollox offri t-talb u s-sagrifiċċji tiegħek għall-ħtiġijiet spiritwali tal-missjunarji.

**1. Borża ta' studju**
sabiex tgħin seminarista jsir saċerdot Franġiskan Kapuċċin. Minbarra li tkun qed tinvesti sabiex tadotta saċerdot, hu jadotta lilek billi jitlob għalik kuljum f'kull quddiesa li jqaddes f'ħajtek u wara mewtek. Kull borża ta' studju tiswa €600.

**2. Ibagħtulna bolol tajbin jew użati**
Naċċettaw kull tip ta' bolol. Tarmuhomx imma faddluhom u ibagħtuhomlna. **JEW EJJEW IXTRU BOLOL UŻATI.** Kull kilo bolol użati aħna nbigħuh b'€5 għall-missjoni.

**3. Napprezzaw li tibagħtulna rċevuti**
tal-VAT sabiex nidħlu biċ-ċans tal-lotterija u f'każ ta' rebħ kollox imur għall-missjoni.

**4. Bażar b'risq il-missjoni**
jkun miftuħ kuljum mit-Tnejn sas-Sibt bejn id-9.00 a.m. u l-11.30 a.m. Ejjew ixtru u b'hekk tkunu qed tgħinu l-missjoni.

**5. Qegħdin noħorġu ħafna flus fi spejjeż tal-posta**
sabiex inqassmu r-rivista *DAWL FRANĠISKAN* minħabba nuqqas ta' distributuri f'ċerti bliet u rħula. OFFRI B'MOD VOLONTARJU S-SERVIZZ TIEGĦEK BIEX TQASSAM IR-RIVISTA FIL-BELT JEW RAĦAL TIEGĦEK. Għandna bżonn: Bormla; il-Qawra; parti minn Birkirkara; l-Isla; Sliema u parti mill-Marsa.

**6. Għajnuna fl-edukazzjoni tat-tfal**
B'€10 fix-xahar jew €120 fis-sena tkun qed tgħin tifel jew tifla biex jingħataw edukazzjoni – uniformi tal-iskola u l-ikel fl-iskola. Tingħata l-isem u r-ritratt tat-tifel jew tifla li inti bi mħabba tadotta sabiex tagħtiha l-edukazzjoni b'xejn.

**7. Intenzjonijiet għall-quddies**
Meta tagħtu flus biex isir quddies għall-missjoni tkunu qed tagħmlu opra ta' karità doppja: tgħinu lill-missjunarji u lill-erwieħ mejtin.

**8. Meta tiġi biex tagħmel it-testment,**
wara li taħseb f'ruħek u fil-familjari tiegħek fittex li tkun ġeneruż/a BILLI TĦALLI XI ĦAĠA B'RISQ IL-MISSJONI.




**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:**
**Fr Philip Cutajar OFMCap**
**Segretarju tal-Missjoni,**
**Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, il-Furjana**
**Telefown: 2123 3874 / 2123 4949 / 2122 5525**
**Imejl: dawlfrangiskan@gmail.com**


BOV Kont Missjoni Kenja 40019998299
Kont Missjoni Kenja 089-021505-050
APS bank Kont Missjoni Kenja 2000039057-6
BOV Kont Proġett - Hola Kenja 40019994646
Kont Proġett - Hola Kenja 089-021-505-052